

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2018

Nru 195

## JIBDEW XOGĦLIJIET TA' RESTAWR



ritratt: Toni Farrugia





ritratt: Joseph J.P. Zammit

## Rabtiet mas-Santwarju Ta' Pinu



10

## It-twaqqif tal-Erba' Parroċċi



Tenore

Publicatio decreti
Erectionis ...
subrogationis
novarum Parochiarum in Insula

22

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Pastorali: fejn irridu naslu?

Tqalleb il-paġni ta' din ir-rivista u tieħu pjaċir tara diversi ritratti u artikli dwar l-inizjattivi sbieħ li qed jittieħdu biex dejjem tkompli titjieb u tadatta ruħha għall-esiġenzi tal-lum il-kwalità ta' pastorali offruta mill-Parroċċa. Fost dawn rajna dan l-aħħar il-ftuħ tat-23four hub, quddiesa mmirata għat-tfal bl-awtiżmu, u l-esperjenza ta' bosta adolexxenti u żgħażagħ li jfittxu grupp tal-Parroċċa biex jakkumpanjahom fil-mixja tagħhom. Barra dawn il-faxex, insemmu wkoll il-laqgħat għal kważi kull kategorija ta' età, fosthom il-katekeżi ta' darba fil-ġimgħa għall-kandidati li ser jirċievu s-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni. Mal-medda taż-żmien il-Parroċċa dejjem ippruvat timmodernizza u ttejjeb is-servizz tagħha.

F'realtà ta' dinja fejn il-messaġġi huma ħafna, differenti u kontrastanti, tajjeb li nistaqsu lilna nfusna bħala Knisja u bħala komunità parrokkjali kif qed nilqgħu għall-isfidi li dejjem jikbru. Il-parroċċi tagħna x'garanzija għandhom li fi żmien għaxar, għoxrin sena oħra ser jibqgħu jsibu nies dedikati għall-formazzjoni ta' oħrajn, meta donnu l-valur tal-impenn fit-tul u diżinteressat qed jingħata l-ġenb? Il-mistoqsija taqa' wkoll fuq id-diversi ċentri, immexxija b'mod volontarju, li qed joffru l-katekeżi. Sal-lum għall-grazzja ta' Alla l-ġenituri sabu għażla wiesa' quddiemhom meta ġew biex jibagħtu lil uliedhom għad-duttrina. Imma bir-riżorsi umani dejjem iktar limitati, nistgħu nibqgħu kif aħna? Fir-realtà parrokkjali tagħna u ta' beltna, diġà fl-aħħar sentejn rajna jitwaqqfu jew jiġu limitati xi servizzi minħabba nuqqas ta' riżorsi.

Il-mistoqsijiet tagħna diffiċli jsibu tweġibiet ċari, imma għall-inqas iqanqluna biex naħsbu ftit fir-realtà li l-komunitajiet tagħna qed jaffaċċjaw jew ser jaffaċċjaw fi ftit snin oħra. Hi responsabbiltà tal-Knisja u daqstant ieħor tal-ġenituri li jaħdmu id f'id flimkien għall-ikbar ġid tal-formazzjoni umana, spiritwali u reliġjuża tal-ulied, u dan nagħmluh bi pjan organiku fejn il-ħidma pastorali tista' twieġeb għall-bżonnijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

| | |
|---|---|
| 02/09/2018 | **Nick** bin Kevin Buttigieg u Charlene Cauchi |
| 08/09/2018 | **Tereza-Marie** bin Stephen Cilia u Jessica Farrugia |
| 15/09/2018 | **Rakela** bint Jospeh Bartolo u Dianne Attard |
| 15/09/2018 | **Mikela** bint Joseph Bartolo u Dianne Attard |
| 16/09/2018 | **Ella** bint David Vassallo u Melissa Tabone |
| 30/09/2018 | **Emma** bint Dennis Xuereb u Mariella Camilleri |
| 06/10/2018 | **Dean** bin Daniel Cassar Albert u Charleen Caruana |
| 12/10/2018 | **Giorgio** bin Anton Buttigieg u Oriella Degabriele |
| 21/10/2018 | **Jasmine Marie** bint Derrick Camilleri u Joscelin Haber |
| 27/10/2018 | **Connar** bin Franco Scicluna u Amanda Vella |
| 28/10/2018 | **Klara** bint Silvio Cini u Loren Buttigieg |
| 25/11/2018 | **Megan** bint Anthony Attard u Sarah Westrup |
| 01/12/2018 | **Zack** bin Chris Caruana u Roxanne Farrugia |
| 01/12/2018 | **Adriana** bint Carl Cordina u Mary Rose Xuereb |
| 02/12/2018 | **Cole Charles** bin Vadim Cilia u Tara Jade Xuereb |
| 09/12/2018 | **Maria** bint Joseph Ellis u Maria Muscat |
| 09/12/2018 | **Steve** bin Brian Joe Attard u Diane Calleja |
| 11/12/2018 | **Kyle** bin Mathew Ray Muscat u Katya Galea |
| 23/12/2018 | **Sarah** bint Mario George Vella u Ruth Xerri |
| 30/12/2018 | **Mae** bint Joseph Darmanin Louise u Cynthia Said |
| 30/12/2018 | **Ezekiel Rkys** bin Kevin Gauci u Fiona Maria Gatt |

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

| | |
|---|---|
| 06/10/2018 | **Joseph Attard u Ediana Attard** |
| 21/10/2018 | **Antoine Galea u Bernardette Aquilina** |
| 01/12/2018 | **Richard Mercieca u Georgene Grech** |
| 08/12/2018 | **Arthur Azzopardi u Melissa Xicluna** |
| 22/12/2018 | **Gareth Buttigieg u Robert Cassar** |

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

| | |
|---|---|
| 06/09/2018 | **Joseph Grech** |
| 11/09/2018 | **Josephine Galea** |
| 04/10/2018 | **Anthony Azzopardi** |
| 26/10/2018 | **Rita Farrugia** |
| 26/10/2018 | **Francesca Saveria Grima** |
| 29/10/2018 | **Lawrence Grech** |
| 04/12/2018 | **Vincenza Debono** |
| 29/12/2018 | **Joseph Spiteri** |

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet
*Mons. Joseph Curmi*



## Il-Mistenni

L-istennija tagħmel parti mill-ħajja tal-bniedem, u għalkemm ħafna drabi nieħdu gost naqbżuha, l-istennija fiha nfisha hi bżonnjuża. Hemm diversi tipi ta' stennija. Fost l-oħrajn hemm l-istennija negattiva, fejn min jistenna jħossu qed jaħli ħinu sakemm jasal il-mument. Hemm ukoll l-istennija pożittiva, fejn min jistenna jkollu xewqa kbira li l-mument mistenni jasal, iżda fl-istess ħin qed jipprepara ruħu għal dan il-mument tant kbir.

**Kulħadd jistenna**
Fil-ħajja kulħadd jistenna b'xi mod. Tara dawk li jistennew il-vapur jew l-ajruplan jaraw kif se joqtlu l-ħin sa ma jasal il-mument. Tara dawk li qed jistennew riżultat mill-isptar fuq ix-xwiek u b'ansjetà kbira ma jifilħux jistennew iż-żmien jasal. Tara lil dawk li qed jistennew il-jum tat-tieġ minn naħa jistennew bil-ħerqa dan il-jum u minn naħa jħossu li m'għandhomx biżżejjed ħin biex jippreparaw. Tara f'għajnejn dawk li qed jistennew tarbija stennija anzjuża imma mimlija ħeġġa u entużjażmu. L-istennija tagħti ċans lil min qed jistenna biex jifhem dak li qed jgħix, sew jekk negattiv u sew jekk pożittiv.

**X'tip ta' stennija?**
Iż-żmien tal-Milied iħeġġiġna biex naħsbu ftit dwar l-istennija għal Alla fil-ħajja tagħna. Kultant ma' Alla wkoll inħobbu nieħdu shortcuts li jneħħulna l-gost li nippreparaw. Hu għalhekk li l-Liturġija tipproponilna ż-żmien tal-Avvent, biex filwaqt li nikbru fl-istennija, nippreparaw ruħna għar-realtà. Dan għaliex l-istennija għandha ħabta toħloq aspettattivi li mhumiex veri jew reali. Hekk ġralhom ħafna mill-poplu Lhudi li għal mijiet ta' snin kienu jistennew il-Messija. Uħud xebgħu jistennew filwaqt li oħrajn waqt l-istennija bdew jimmaġinawh mod ieħor, tant li meta ġie m'għarfuhx.

**Ġie b'mod mhux mistenni**
Il-miġja tal-Messija ftit kienu dawk li laqgħuha. Dan għaliex ma kinux jistennew li se jiġi b'dak il-mod. Ħafna stennew li se jkun qawwi, imma twieled tarbija. Ħafna stennew li ġej jikkastiga, imma ġie mimli ħniena. Ħafna stennew li se jirbaħ bil-gwerra kontra l-ħażin, iżda spiċċa mejjet fuq salib.

Fil-ħajja tagħna jista' jkun li lil Alla npinġuh kif irridu aħna u għalhekk meta jiġi ma nindunawx bih. Jista' jkun li Alla ma jogħġobniex ħanin u allura, bħall-qaddejja ħżiena, nibdew insawtu lil dan u lill-ieħor mingħalina li din hi rieda ta' Alla. Jista' jkun ukoll li Alla fqir ma jogħġobniex u allura nibdew nafdaw iżjed fil-kapaċitajiet tagħna u fil-ġid li jgħaddi, għax Alla fqir m'għandniex x'nambuh. Jista' jkun li bħalma ġralhom uħud fl-ewwel komunitajiet Insara, nintelqu u nħallu f'idejn Alla dak li hu fada f'idejna u naqgħu fl-għażż.

**Komunità li tistenna**
Għalhekk hu ferm importanti li bħala komunità nikbru fl-istennija vera. Importanti li nkunu qrib tal-Kelma ta' Alla. Importanti li nkunu lesti biex nifthu l-bieb lil Kristu li jiġi b'mod li ma nistennewhx. Importanti nikbru bħala komunità li tistenna lill-fqir, lill-imwarrab, lill-għeri, lill-ħabsi, lill-marid. Hemm bżonn inkabbru fina dik ix-xewqa u l-ħeġġa li nistennewh u nippreparaw għal dan il-Mistieden il-kbir. Hu ma jridx affarijiet kbar: kemm nifthulu l-bieb u ndaħħluh ġewwa. Iżda dan jitlob minna li nkunu għarafnieh permezz ta' stennija vera. U hekk jidħol u tibda l-festa.

## Il-propedewtiku Anthony Joe Borg



Il-komunità parrokkjali tagħna tifraħ tilqa' lil Anthony Joe Borg, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija, ix-Xagħra, li bħala parti mill-formazzjoni propedewtika tiegħu qabel, jekk Alla jrid, jiġi milqugħ għall-kors li jwassal għas-saċerdozju fis-Seminarju djoċesan tagħna, minn Ottubru 2018 qed iqatta' sena ta' esperjenza pastorali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Anthony Joe mill-bidu wera interess fil-ħajja parrokkjali u fil-weekends ikun preżenti ħafna San Ġorġ fejn jaħdem l-aktar qrib il-Grupp tal-Abbatini, imma wkoll il-kategoriji l-oħra bħat-tfal u l-adolexxenti, waqt li jgħin fl-animazzjoni tal-Liturġija fil-Bażilika. Il-preżenza ta' dawn l-istudenti f'nofsna tħeġġiġna biex inkomplu nitolbu għal aktar vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali, reliġjuża u kkonsagrata, aktar u aktar meta l-Parroċċa tagħna għandha s-Seminarju hekk qrib tagħha, filwaqt li hi mdawra wkoll b'għadd ta' kunventi ta' kongregazzjonijiet sew maskili u femminili.

## DONAZZJONIJIET

Mons. Coronato Grima (il-Belt Victoria) – €10, Joe Cini (il-Belt Victoria) – €20

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI
## SETTEMBRU - DIĊEMBRU 2018













1 Fl-4 ta' Ottubru saret il-laqgħa tal-bidu ta' sena kateketika ġdida għall-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof flimkien mal-ġenituri tagħhom.

2 Il-ftuħ tas-Sena Pastorali 2018-2019 sar il-Ħadd 7 ta' Ottubru fil-quddiesa tal-10.00am immexxija mill-Arċipriet, li fiha ta l-Mandat lill-katekisti u l-operaturi pastorali.

3 F'Ottubru reġgħu qabdu r-ritmu tagħhom il-laqgħat tal-Gruppi tal-Adolexxenti 234 fiċ-Ċentru Parrokkjali, akkumpanjati mill-animaturi.

4 Bħala parti mill-programm ta' formazzjoni tagħhom, il-kandidati tal-Griżma tal-Isqof il-Ħamis 8 ta' Novembru għamlu żjara fis-Seminarju fejn ġew imdawra mis-seminaristi mal-post fejn jiġu ffurmati s-saċerdoti ta' għada.

5 L-inizjattiva ta' quddiesa għall-familji Għawdxin bi tfal li għandhom l-awtiżmu, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kateketika Djoċesana, qed issir fis-Sala Parrokkjali f'Sibt ta' kull xahar, u titmexxa minn Dun Joseph Bajada.

6 Jumejn qabel il-festa tal-Kunċizzjoni, it-tfal tal-Preċett u l-Griżma kellhom laqgħa ta' katekeżi u talb fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani, f'riġlejn ix-xbieha għażiża tal-Immakulata.

7 L-istudenti tal-Iskola Primarja tar-Rabat (Kulleġġ ta' Għawdex) fl-20 ta' Diċembru għamlu Purċissjoni bil-Bambin mill-Katidral għal San Ġorġ, fejn sabu jilqgħuhom lil Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja, li tahom il-messaġġ u l-barka tiegħu.

8-9 Fit-tmien jum tan-Novena tal-Milied, it-22 ta' Diċembru, waqt il-quddiesa nżamm dramm ċkejken b'messaġġ tal-Milied, li fih ħadu sehem it-tfal. Fl-istess okkażjoni saret il-vestizzjoni ta' ħames abbatini ġodda: Joseph Attard, Eman George Camilleri, Adam Galea, Jurgen Bugeja u Fulvio Valenti. Fl-aħħar jum tan-Novena ġie miftuħ ukoll uffiċjalment it-234 Hub bħala spazju għal-laqgħat u d-divertiment tal-gruppi tal-parroċċa.

10 Il-Quddiesa ta' Nofsillejl tal-Milied tmexxiet mill-Arċisqof Alfred Xuereb, li nzerta fostna għal ġimgħat ta' mistrieħ. Il-Prietka tat-Tfajjel saret mill-abbati George Abela.

11-12 Nhar il-Milied filgħodu l-abbatini ħarġu jferrħu lill-anzjani fi djarhom iqassmulhom xi ħlewwiet u jaqsmu ftit tal-ħin magħhom, waqt li stednuhom għall-Ikla li l-Parroċċa organizzat għal min hu waħdu fit-30 ta' Diċembru.










Il-Bambin tal-Milied tant sabiħ li dan l-aħħar snin qed jintuża fil-Bażilika fil-Quddiesa ta' Nofsillejl tal-Milied hu ta' preġju kbir. Dan hu magħmul fil-kartapesta minn fabbrika f'Lecce, l-Italja. Fil-Lejl tal-Milied u fiż-żmien ta' wara jsebbaħ l-altar filwaqt li jqanqal ħafna devozzjoni lejn Ġesù Bambin. Wara li r-raġġiera li kellu kienet issaddet, f'Diċembru ġiet imżanżna raġġiera ġdida tal-fidda maħsula bid-deheb. Din ġiet magħmula skont id-disinn oriġinali tal-fabbrika. Swiet €900.

















# Jibdew ix-xogħlijiet estensivi ta' restawr

Andrew Formosa

Wara diversi xhur ta' preparazzjoni, fl-aħħar beda x-xogħol ta' restawr tal-koppla tal-Bażilika minn ġewwa. Ix-xogħlijiet bdew fit-8 ta' Novembru 2018. Dakinhar beda jiddaħħal l-*iscaffolding* fil-Bażilika biex ikun jista' jintrama.

Peress li l-istruttura ta' madwar il-koppla kellha żżomm fuq it-travi, l-ewwel kien hemm bżonn li jittella' *scaffolding* minn fuq il-presbiterju sa taħt il-koppla. Dan biex meta jiddaħħlu t-travi mit-twieqi tal-koppla, ikun hemm is-sapport meħtieġ biex it-travi jitpoġġew minn naħa għall-oħra tad-dawra tal-koppla. Dan irriżulta fi proċess delikat u li ħa numru ta' ġranet. Fil-fatt, il-quddies kollu ġie ttrasferit fiċ-Ċentru Parrokkjali minħabba raġunijiet prattiċi, ħlief għall-Pontifikal tad-Dedikazzjoni tal-Lateran. L-ewwel erba' travi kienu tpoġġew sas-Sibt 10 ta' Novembru kmieni waranofsinhar, u għalhekk kien fadal ħin biżżejjed biex jiżżarma l-*iscaffolding* kollu ta' fuq il-presbiterju, ħalli l-quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd ikun fil-Bażilika. Wara tkomplew jitpoġġew it-travi tul id-dawra tal-koppla. Ladarba kien lest u l-koppla kienet mgħottija, kien imiss li jintrama l-*iscaffolding* ġol-koppla ħalli b'hekk ir-restawraturi jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet tagħhom.

Ix-xogħlijiet tar-restawr ġew assenjati lill-kumpanija *Atelier Del Restauro* wara sejħa pubblika li saret. Kull min tela' jara x-xogħlijiet mill-viċin seta' jinduna bil-ħsara li saret tul iż-żminijiet. Peress li x-xogħlijiet fil-koppla huma fil-għoli u forsi moħbija minn għajnejn ħafna nies, ma tantx kienu jidhru evidenti l-ħsarat. Ġew osservati ħsarat fix-xogħlijiet tal-*istucco*, id-dekorazzjoni, il-pittura, iż-żebgħa, il-ħġieġ tat-twieqi, u l-istess ġebla. Ir-restawraturi huma kommessi li jerġgħu jġibu għall-ġmiel oriġinali tagħha l-koppla unika ta' Conti u Galea li biha tiftaħar il-Bażilika Ġorġjana.



L-istess restawraturi huma responsabbli mir-restawr tal-pitturi laterali ta' Francesco Vincenzo Zahra. Dan ix-xogħol hu mistenni għall-bidu tas-sena 2019. Ix-xogħlijiet huma kofinanzjati minn fondi Ewropej miksuba permezz tal-Fondazzjoni Kura fi ħdan id-Djoċesi ta' Għawdex.

Xogħol ieħor ta' restawr li daqt ser jibda hu dak tal-faċċata antika u artistika tal-Bażilika. Il-kumpanija magħżula hi *Recoop Ltd.* li ntgħażlet lejn l-aħħar ta'













Settembru wara sejħa pubblika għall-offerti li saret mill-Parroċċa ta' San Ġorġ fl-aħħar ta' Lulju. Ix-xogħlijiet kellhom jittardjaw ma jibdew minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp li ma ħallewx li jsir l-armar tal-*scaffolding* madwar il-koppla. Ta' min jgħid li x-xogħljiet ser jibdew l-ewwel fil-koppla, u hekk kif jitlesta, jibda x-xogħol fuq il-faċċata. Dan il-proġett din id-darba hu ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex.

**Jitlesta t-23four Hub**

Kull min jaf kif kienet mitluqa f'dawn l-aħħar snin il-'kantina' li kienet tinsab biswit il-Bażilika, jiftakarha bħala post fejn kien jinġabar dak kollu li ma baqax jintuża jew inkella hu ta' żgombru u jintuża mill-inqas. Kien post umduż li ma tantx kien iħajrek toqgħod fih. Biex il-post inbidel għal kif qed narawh fir-ritratti, għadda minn diversi proċessi u ħidma.

L-ewwel proċess kien jinkludi t-tneħħija tal-affarijiet kollha li matul iż-żmien imlew il-post. Dawk l-affarijiet li kien fadlilhom użu, instabilhom post alternattiv, filwaqt li l-bqija ntremew. Dan il-proċess sar tul il-ġimgħat tas-sajf minn għadd ta' voluntiera. Eżatt wara, beda l-ħsieb u l-implimentazzjoni ta' ċirkulazzjoni aħjar tal-arja. Dan peress li l-post hu wieħed li jiġbor fih ħafna umdità, u l-arja ma kinitx respirabbli. Inġab makkinarju apposta biex jgħin iċ-ċirkulazzjoni ta' arja tajba u, wara li ġie stallat, tħalla għal numru ta' ġimgħat jaħdem biex tibda tinqata' l-umdità u b'hekk titjieb iċ-ċirkulazzjoni tal-arja. Wara li kienu tneħħew l-affarijiet ta' żgombru, beda l-proċess ta' disinn u l-immodernizzar tal-post. Twaħħal il-*gypsum* filwaqt li tħallew partijiet miftuħa ħalli jgħinu ċ-ċirkulazzjoni tal-arja. Dan kien ikkumplimentat ukoll minn stallazzjoni ta' dwal, *cameras* tas-sigurtà u servizzi tal-internet. Hekk kif kienu tlestew dawn is-servizzi,
















diversi żgħażagħ ħadu ħsieb li jiżbgħu l-ħitan u s-suffitti b'kuluri vivaċi. Il-post ġie attrezzat b'numru ta' televixins u siġġijiet għall-użu tal-laqgħat li huma ppjanati, filwaqt li l-post ġie kkumplimentat bħala *gamesroom* b'għadd ta' logħob bħal *table tennis*, *tabble soccer* u *play station*.

It-23four Hub ġie inawgurat fl-aħħar jum tan-Novena tal-Milied, it-23 ta' Diċembru 2018, mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, fil-preżenza tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa, bit- tberik tax-xbieha ikongrafika ta' Sidna Ġesù Kristu u San Ġorġ – *Ibqgħu fl-imħabba tiegħi (Ġw 15:9)* –, ikkummissjonata lill-artist Nathanael Theuma, u li tpoġġiet fid-daħla tal-Hub flimkien ma' xbieha ta' Salib magħmula mill-Opri tal-Ħniena li Ġesù nnifsu jgħid fir-rakkont tal-Ġudizzju Universali (Mt 25:31-46). Minn mindu ġie inawgurat, il-Hub qed ikun għal bosta ħinijiet ta' kull ġimgħa, waqt u wara l-laqgħat, miftuħ bħala spazju ta' formazzjoni spiritwali, umana u rikreattiva għall-ġenerazzjoni ż-żgħira tagħna, fil-preżenza tal-animaturi tagħhom.

# Iż-Żgħażagħ u l-Knisja

Bejn it-3 u t-28 ta' Ottubru 2018, iltaqa' f'Ruma s-Sinodu tal-Isqfijiet li kellu bħala tema *"Iż-żgħażagħ, il-fidi u d-dixxerniment vokazzjonali"*. Dan juri kemm il-Knisja għandha għal qalbha ż-żgħażagħ u l-post tagħhom fis-soċjetà u fil-ħajja tal-fidi, hekk li qed tagħmel riflessjoni serja fuq kif iż-żgħażagħ – fi kliem il-Papa Franġisku – ikunu mhux biss il-futur imma anki l-preżent tagħha. Hi riflessjoni li qed tagħmilha wkoll il-parroċċa tagħna, li għall-grazzja ta' Alla għandha fi ħdanha realtà ħajja ta' gruppi tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Dwar din ir-relazzjoni "Knisja-żgħażagħ" qed taqsam magħna xi riflessjonijiet **Maria Cremona**, waħda mill-animaturi tal-Grupp 23four.

Xi tfisser għalija l-kelma *żgħażagħ*? Moħħi mill-ewwel jaħseb f'divertiment, enerġija, kreattività, potenzjal, avventura u ħolm kbir u innovattiv. Allura x'għandhom x'jaqsmu ż- żgħażagħ mal-Knisja? Kif tidħol il-Knisja f'din il-lista?

U huwa proprju minħabba dawn l-ideat kollha li naħseb li ż-żgħażagħ għandhom rwol kruċjali fil-Knisja. Nammetti li għall-bidu ma assoċjajtx iż-żgħażagħ jew iż-żgħożija mal-Knisja. Ta' sikwit tismagħna ngħidu: "X'għanda x'noffru aħna, żgħażagħ?... Għadna daqshekk żgħar! Professuri tat-teoloġija m'aħniex. Kemm kemm niftakru x'qalulna fil-lezzjonijiet tad-duttrina jew tar-reliġjon!". Jew inkella: "Jien ma rridx naf bi Knisja. Kemm hi antikwata! Hija biss relikwa tal-passat li ma tridx taġġorna ruħha maż-żminijiet". Dawn il-vuċijiet smajthom. Dawn il-ħsibijiet għaddewli mill-kurituri ta' moħħi u xi drabi żammewni lura milli nsaqsi u ninvolvi aktar ruħi fil-komunità.

Iżda kelli x-xorti li niltaqa' ma' persuni li għenuni nifhem u niskopri l-kontribuzzjoni kbira li ż-żgħażagħ jistgħu jagħtu lill-Knisja. Urewni kif post iż-żgħażagħ mhuwiex biss fuq il-bankijiet tal-knisja. Urewni kif xogħol iż-żgħażagħ mhuwiex biss li nisimgħu fis-skiet u l-gabra. Fehmuni kif aħna nistgħu... anzi *neħtieġu* nagħmlu ħafna aktar minn hekk! Neħtieġu nużaw it-talenti, l-enerġija u l-ideat tagħna biex inwasslu l-messaġġ ta' tama u mħabba b'mod ġdid u kreattiv. Jeħtieġ nużaw il-vuċijiet tagħna biex niddiskutu u nsaqsu dwar il-Kelma ta' Alla. Mhix faċli, anzi kważi kważi nħoss li din saret sfida aktar diffiċli, speċjalment f'dawn iż-żminijiet meta qed jiżdied is-sens ta' passività u s-sens individwalista. Imma ftit jiswa li ngergru bejnietna u nibqgħu b'idejna fuq żaqqna. Jeħtieġ infittxu fejn nistgħu nużaw it-talenti u l-kapaċitajiet tagħna biex nagħmlu differenza. Hekk kitbu l-Isqfijiet Sinodali liż-żgħażagħ kollha tad-dinja fi tmiem is-Sinodu tal-Isqfijiet dwar iż-żgħażagħ f'Ottubru: "Il-Knisja u d-dinja għandhom bżonn urġenti tal-entużjażmu tagħkom. Kunu ċerti li tagħmlu sieħba fil-vjaġġ tagħkom lil dawk l-aktar fraġli, lill-foqra u lil dawk li sofrew mill-ħajja. Intom il-preżent; kunu futur aħjar".

Dawn l-aħħar sentejn bdejt ninvolvi ruħi fil-Parroċċa ta' San Ġorġ bħala waħda mil-*leaders* tal-Grupp 234. Ta' kull ġimgħa niltaqgħu ma' adolexxenti u żgħażagħ minn Għawdex kollu. Hija rabta serja, imma, aktar minn hekk, hija esperjenza inkreddibli, għaliex flimkien qegħdin noħolqu ambjent fejn aħna, iż-żgħażagħ, inħossuna milqugħa u komdi li nesprimu ruħna, u qegħdin nitgħallmu u nifhmu kif nistgħu nħobbu u ngħinu aktar lil xulxin. Għalkemm jiena *leader*, nemmen li dawn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tawni u għallmuni ħafna. Nittama li nibqgħu naħdmu flimkien u nibnu fuq dak li sibna sabiex ikollna Knisja aħjar.





Il-gruppi parrokkjali tal-adolexxenti fil-ftuħ tas-Sena Pastorali fil-5 ta' Ottubru 2018

# Rabtiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ mas-Santwarju Ta' Pinu

Is-sena 2019 hija waħda tassew speċjali għall-Knisja f'Għawdex. Dan għaliex il-kwadru għażiż u mirakoluż tal-Assunzjoni tal-Verġni Mbierka "Ta' Pinu" qed jagħlaq erba' mitt sena minn mindu tpitter minn Amadeo Perugino u tqiegħed f'postu. Dan il-kwadru ntgħażel mill-Verġni Marija nfisha biex permezz tiegħu tagħti messaġġ ta' tama lill-Għawdxin, lill-Maltin u lill-Insara ta' kull żmien hi u ssejħilna biex naslu għand Kristu permezz tagħha. Id-Djoċesi ta' Għawdex qed tiċċelebra bi gratitudni dan l-anniversarju permezz ta' Sena Marjana li nfetħet fis-Solennità ta' Kristu Sultan u li tibqa' sejra sal-Vġili tal-Għid tal-Assunta tas-sena 2019. Għaldaqstant, din hi l-okkażjoni biex napprezzaw aktar minn qatt qabel ir-rabta qawwija li l-Parroċċa ta' San Ġorġ u niesha kellhom sa minn dejjem mal-Verġni Marija Ta' Pinu u s-Santwarju Nazzjonali tagħha.

**Pinu Gauci midfun San Ġorġ**

Fit-8 ta' Awwissu 1626 Dun Angelo Modolun, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, bierek iż-żwieġ bejn Giovanni Filippo Muscat, minn Ħal Lija u Catarinella Gauci, bint il-mejjet Pinu u Claruza Gauci. Anki jekk m'aħniex ċerti kienx Għawdxi, Pinu Gauci kellu ħafna proprjetà f'Għawdex, fosthom l-inħawi fl-Għarb fejn kienet ġiet mibnija l-Kappella tal-Assunta li sal-lum il-ġurnata għadha tissejjaħ "Ta' Pinu". Kien hu wkoll li ħa l-inizjattiva li tiġi ordnata l-pittura tal-Madonna Ta' Pinu għand l-artist Amadeo Perugino. Fir-reġistru parrokkjali taż-żwiġijiet, il-Kappillan Modolun ħalla bil-miktub li Pinu, martu u bintu kienu *"miei parrocchiani"*, jiġifieri parruċċani ta' San Ġorġ. Minn dokumentazzjoni oħra huwa wkoll magħruf li Pinu Gauci miet fis-17 ta' Novembru 1623, tliet snin qabel ma żżewġet bintu, u ġie midfun fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.



**Il-ġrajja tas-Sejħa fl-1883**

Il-ġrajjiet tas-Sejħa lix-xebba Karmni Grima fl-1883 flimkien mal-fejqan mirakoluż ta' omm Franġisk Portelli mill-Għarb bl-interċessjoni tal-Verġni Mbierka Ta' Pinu, qanqlu bil-kbir id-devozzjoni tal-poplu tant li bdew jiġu organizzati pellegrinaġġi bla waqfien. L-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Pietru Pace, ordna li ssir investigazzjoni dwar dawn il-fenomeni. Xi snin wara, imbagħad, Mons. Giuseppe Farrugia (Tal-Vers), saċerdot u Prokuratur ta' San Ġorġ, u Dekan tal-Kapitlu Katidrali, ġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-każ biex f'Ottubru 1891 ħareġ ktieb bl-isem *La Beata Vergine Ta' Pinu in Gozo*, liema pubblikazzjoni kkonfermat dak kollu li kien intqal li seħħ u tat spinta kbira lill-qima lejn il-Madonna Ta' Pinu fil-gżejjer Maltin.

**Dun Alfons Rettur tas-Santwarju**

Dun Alfons Maria Hili, saċerdot minn San Ġorġ, kappillan privat u konsultur tal-Isqof Giovanni Maria Camilleri OESA, u iktar tard Arċipriet tal-Katidral u Kappillan tal-Parroċċa Ġorġjana, sar Rettur tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fid-19 ta' Awwissu 1894. Kien hu li ħabrek biex isir magħruf darba għal dejjem il-jum meta Karmni Grima mill-Għarb semgħet leħen il-Verġni Mbierka. Wara li tkellem magħha, Dun Alfons irnexxielu jasal għall-ġurnata li mbagħad bdiet tiġi meqjusa bħala d-data tas-Sejħa: dik tat-22 ta' Ġunju 1883 għall-ħabta tal-10.10am. Kien hu wkoll li fl-1897 daħħal u eventwalment xerred id-devozzjoni tal-Ħmistax-il Erbgħa tal-Madonna Ta' Pinu bi tħejjija għall-Għid tal-Assunta, liema devozzjoni għadha qawwija anki fi żmienna.


LA

BEATA VERGINE

"Ta Pinu"

IN GOZO

PEL

Can. Teol. Don Giuseppe Farrugia

*Cameriere d'onore "extra urbem" di S. S.*

MALTA

Tipografia Industriale

DI

G. MUSCAT


IL
HMISTAX L' ERBGHA
TAL
Madonna ta Pinu.
MICTUBIN MINN
D. Alfons M. Hili
CAPPILLAN TAS-SANTUARIU TAGHHA.
GHAUDEX.

MALTA.
STAMPERIA «VICTORIA»
11, STRADA CRISTOFORO, VALLETTA.
1897.

**L-ewwel pellegrinaġġi Ġorġjani**

Il-poplu Ġorġjan kien minn tal-ewwel li beda jorganizza pellegrinaġġi lejn Ta' Pinu. Ir-rivista *Id-Devot ta' Marija* ta' Jannar 1888 kienet irrapportat li fis-17 ta' April tas-sena ta' qabel, erba' snin biss wara l-ġrajja tas-Sejħa, il-Banda Ċittadina La Stella immexxija mill-Perit Pietru Attard, kienet għamlet pellegrinaġġ lejn Ta' Pinu u l-bandisti kienu ħadu sehem f'quddiesa. L-istess Pietru Attard kien irregala wkoll, flimkien ma' Dr Pawlu Sammut, żewġ kwadri lil Ta' Pinu: wieħed tal-Qalb ta' Ġesù u l-ieħor tal-Addolorata. Fl-1 ta' Mejju ta' dik l-istess sena, il-Fratellanzi ta' Ġesù u Marija tal-Parroċċa Ġorġjana u dik tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Knisja ta' San Franġisk kienu mexxew pellegrinaġġ kbir lejn Ta' Pinu. Dun Ġużepp Grima, Viċi-Parroku ta' San Ġorġ, kien għamel diskors tal-okkażjoni.





**Festi speċjali f'Novembru 1950**

Bejn is-Sibt 25 u l-Ħadd 26 ta' Novembru 1950, fil-Belt Victoria saru festi djoċesani kbar fl-okkażjoni tal-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni ta' Marija mill-Papa Piju XII. Is-Sibt filgħaxija ħareġ korteo *aux flambeaux* minn San Ġorġ biex jiltaqa' ma' korteo ieħor li telaq bil-kwadru tal-Verġni Assunta Ta' Pinu mis-Santwarju tagħha. F'salib it-toroq tal-Għarb u l-Għasri, il-kleru tar-Rabat irċieva mingħand il-kleru tal-Għarb u San Lawrenz il-kwadru mirakoluż li ġie akkumpanjat bir-Rużarju u l-kant ta' innijiet sal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn sar "lejl imqaddes mgħoddi fil-qima ta' Ġesù Sagramentat u Marija Assunta". Il-Ħadd waranofsinhar, imbagħad, saret purċissjoni solenni bil-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu mat-toroq ewlenin tal-belt u li ntemmet fil-Knisja Katidrali. Mexxa l-Isqof Ġużeppi Pace bis-sehem sħiħ tal-kleru tal-gżira, iż-żewġ baned tal-Belt Victoria u l-poplu Għawdxi kollu.

**Xbihat ta' San Ġorġ fis-Santwarju Ta' Pinu**

Ġużeppi Briffa, pittur tas-seklu għoxrin, kien ikkummissjonat biex ipitter għas-Santwarju Ta' Pinu xeni marbuta mal-ħajja tal-Verġni Mbierka u mal-invokazzjonijiet tal-Litanija Lawretana. Fost dawn il-pitturi hemm waħda li turi lil Marija bħala s-Sultana tal-Martri u fiha naraw lill-Verġni Addolorata mdawra b'diversi qaddisin martri. Fuq quddiem nett, b'sinjal ta' importanza, insibu lill-protetturi tal-gżira, San Ġorġ u Sant'Ursula. Din il-pittura saret fis-sena 1950. Illum tinsab fil-Mużew tas-Santwarju waqt li fl-għoli mal-ħajt tal-korsija tal-istess Bażilika hemm kopja tagħha fil-mużajk.



Is-salib "tal-kleru", li jintuża fiċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali fil-ħajja liturġika tas-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu, huwa partikulari ħafna. Kemm għax l-istil tiegħu huwa wieħed li jaqbel mal-arkitettura tal-knisja, u kemm għax taħt is-Salib hemm raffigurati tliet qaddisin. Dawn huma San Pawl, San Ġorġ u Sant'Ursula, li flimkien mat-Titular tas-Santwarju – l-Assunta – ġew magħżula biex iħarsu lill-gżira Għawdxija u lil ġensha.

**Replika tal-kwadru għall-Bażilika**

Id-devozzjoni tal-poplu Ġorġjan lejn Marija Assunta "Ta' Pinu" mhux biss kienet minn tal-ewwel li warrdet wara l-ġrajjiet tal-1883, imma kibret sew tul is-snin, tant li fl-1995 il-Parroċċa akkwistat kopja tal-kwadru mirakoluż biex kull min ma jkunx jista' jmur is-Santwarju, ikun jista' jitlob quddiem din ix-xbieha. Il-kwadru, li sar bit-tħabrik ta' Dun Ġużepp Farrugia (iktar tard Arċipriet) u ġie mbierek mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi nhar il-Ħadd 12 ta' Marzu 1995, hu xogħol tal-artist Godwin Cutajar mill-Fontana, u għadu sal-lum jattira devozzjoni kbira, kif jixhdu l-ħafna xemgħat li ta' kuljum jinxtegħlu quddiemu.

**Id-Driegħ ta' San Ġorġ meħud fis-Santwarju**

Fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa tal-Ħniena, nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2016, il-Parroċċa ta' San Ġorġ organizzat pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu, wieħed mis-Santwarji "tal-Bieb tal-Ħniena". Il-poplu akkumpanja bil-mixi u bit-talb ix-xbieha devota tal-Madonna Ta' Pinu li hija meqjuma fil-Bażilika ta' San Ġorġ, mill-Belt Victoria sas-Santwarju. Il-pellegrinaġġ kien immexxi mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Tul it-triq inġarret ukoll ir-Relikwa insinji ta' Driegħ San Ġorġ Martri li kienet inġabet fil-Parroċċa mill-belt ta' Ferrara fl-Italja permezz tal-Parroċċa Ġorġjana ta' Ħal Qormi.

Mument uniku kien meta r-Relikwa għażiża ta' Driegħ San Ġorġ twasslet proċessjonalment fis-Santwarju u tqiegħdet għall-qima sewwasew f'riġlejn ix-xbieha qaddisa u mirakoluża tal-Madonna. Din ir-Relikwa ġiet milqugħa solennement fil-Bażilika Ġorġjana tal-Belt Victoria bejn il-15 u t-18 ta' Ġunju 2016. Dakinhar tal-pellegrinaġġ lejn Ta' Pinu d-driegħ ħanin tal-Patrun tal-Gżira ngħaqad mad-driegħ matern tal-Verġni Mbierka biex it-tnejn ibierku lill-poplu Għawdxi li tiegħu huma l-protetturi setgħana, filwaqt li ndikawlu t-triq tal-ferħ: it-triq ta' Ġesù Kristu.



**Għeluq**

Xieraq li nagħlqu billi ħarsitna nitfgħuha fuq il-kwadru Ta' Pinu, u b'mod partikulari fuq il-ħarsa kollha ħlewwa u ħniena ta' Ommna Marija. Fis-sena 1883, 136 sena ilu, il-Verġni Mbierka nqdiet b'dan il-kwadru biex twassal il-messaġġ tagħha ta' tama lil Karmni Grima, lil Franġisk Portelli u lill-Insara kollha ta' kull żmien: "Ejja, ejja, ejja". Minkejja s-snin li għaddew minn dawk il-ġrajjiet, l-istedina ta' Ommna Marija għadha qawwija: "Ejja"... għax jekk immorru għand l-Omm ser insibu lil Binha Alla. Nilqgħu mela l-istedina tal-istess Verġni Mbierka li ngħidu tliet Ave Marijiet f'ġieħ it-tlitt ijiem li ġisimha dam fil-qabar qabel l-Assunzjoni, u Missierna, Sliema u Glorja f'ġieħ il-Pjaga moħbija li Kristu Binha sofra bis-salib fuq spalltu fil-Passjoni tiegħu.

*Ritratti:* Arkivju Bażilika San Ġorġ, Arkivju Santwarju Ta' Pinu, Joe Attard, Daniel Cilia, John Cremona, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Noel Micallef, Martin Portelli.



# L-Għanja tal-Maħba

Ġorġ Pisani



Snin ilu, Madonna,
inżilt mis-smewwiet
fuq sħaba tal-fidda
li kollox għattiet.

Ħallejt dik il-ġenna,
ħallejt dik is-saltna
u qbadt it-triq twila
li tagħti lejn artna.

Kien Ġunju filgħodu;
mis-sħaba smewwija
rajt 'l Għawdex imħeġġeġ
fl-imrieżaq sajfija.

U rajt il-mewġ mieles
tal-Baħar Nofsani
ifissdu bi mħabba,
idawru kaħlani.

Ilmaħt f'dik il-għodwa
l-għoljiet tiegħu żgħar
u taħthom l-irħula
bil-koppli u d-djar.

U l-bdiewa fl-għelieqi
qed jaħdmu beżlin,
iħejju b'dirgħajhom
il-ħobż tal-bnedmin.

U rajt b'dik il-ħarsa
li tajt fuq il-gżira
kemm kienet imsejkna,
kemm ċkejkna, kemm fqira.

Nistħajjel li l-anġli
urewk dak il-ħin
il-ġmiel ta' pajjiżi
wisq iktar wesgħin,

il-ġmiel ta' pajjiżi
imfawra bil-ħdura,
bil-fwieħa tal-oqsma,
b'kull risq tan-natura.

Biex tinżel ġo fihom
dlonk l-anġli stednuk,
sabiex il-ġnus kollha
hemm qima jagħtuk.

'Ma xejn, o Madonna,
ma ġiegħlek titħajjar:
ħarist għal darb'oħra
fuq Għawdex il-fqajjar.

Imbagħ'd b'dik it-tjieba
ta' Ommna, ta' Sidtna,
inżilt kollok dija,
inżilt ġo gżirtna.

U biex lill-qlub kollha
tas-sliem tagħti x-xaba',
int dħalt ġo kappella
mitlufa gor-raba'.

Minn hemm, o Madonna,
sejjaħt int daħkana
lil xebba nadifa
tan-nisel minn tagħna.

B'dis-sejħa li qabel
ma smajna żgur qatt,
sejjaħt liż-żewġ gżejjer,
sejjaħt lil kulħadd.

U aħna weġibna
għas-sejħa minn tiegħek,
emminna fil-qawwa
u s-setgħa ta' driegħek.

U hemm qalb l-għelieqi,
tax-xemx taħt il-qilla,
bnejnielek bħal Tempju
mirqum tal-bizzilla.

Bħal dik il-bizzilla
bil-wisq imsemmija
li toħroġ mis-swaba'
tan-nisa Għawdxija.

Bnejnielek it-Tempju
bajdani u rżini
bħall-qlugħ kbir tad-dgħajjes
Għawdxin tal-latini.

It-Tempju bajdani
bħall-ibnen ħalib
li tagħti gżiritna,
tas-saħħa ħabib.

It-tempju tal-għaġeb
li jilqa' l-eluf
u fih dawn jintilfu
bħal donnhom ġo ġuf.

'Ma llum ġrat xi ħaġa,
xi ħaġa wisq kbira,
xi ħaġa li qanqlet
ir-ruħ ta' dil-gżira.

Għaliex mindu fostna
inżilt mis-smewwiet
ser tħalli l-għamara
li ħtart fost is-skiet.

U ġejja titbissem,
bil-grazzji mimlija,
tal-gżira ta' mħabbtek
fil-belt ewlenija.

Arana, Madonna,
kif ġejna nilqgħuk,
il-qima ta' qlubna
hawn ġejna nagħtuk.

Ħallejna lil djarna
u kollox warajna,
għax leħnek darb'oħra
illum aħna smajna.

Qed tidwi bil-għana
dil-belt minn kull naħa
li miexja ser tilmħek
fit-toroq minn tagħha.

Kemm aħna xxurtjati,
elf darba mberkin
li hawn stajna niġu
flimkien imxerkin.

Bħalissa, Madonna,
eluf ta' Għawdxin
minn din l-art maħbuba
bil-wisq imbegħdin,

fejn marru jaqilgħu
ta' nieshom l-għajxien,
fl-Awstralja, fl-Amerika,
fil-Lvant, kullimkien,

jixtiequ jingħaqdu
f'dal-ferħ tagħna lkoll,
ilsienu kull wieħed
biex jilqgħek iħoll.

Ma' dawn bosta oħra
illum imbikkija,
fis-sodod mifluġa
fost l-hemm u t-tbatija,

jixtiequ, jaħasra,
imħabbithom bla tmiem
joffrulek hawn magħna,
jagħtuk l-isbaħ sliem.

X'ser naqbdu noffrulek,
Madonna sabiħa,
fil-belt ċkejkna tagħna
xħin tidħol rebbieħa?

Kif naqbdu nżejnuhom
tal-belt it-triqat
xħin tgħaddi Sultana
tal-qlub u x-xewqat?

Nixtiequ nfewħuhom
bl-inċens u bil-ħwawar,
niksuhom bl-arazzi,
bid-deh'b u bil-ġawhar.

Nixtiequ ngħattuhom
bil-fosos wisq fini,
bil-qroll, bl-ametisti,
djamanti u rubini.

'Ma int, o Madonna,
int tafha dil-gżira
li għadha kif rajtha,
wisq ċkejkna, wisq fqira.

Immela x'ser naqbdu
noffrulek sabiħ
mal-ħajr u mal-merħba
tal-poplu ferrieħ?

Noffrulek, Madonna,
bħal ward imfewħin
il-qlub innoċenti
ta' ħutna ċ-ċkejknin

Xejn isbaħ, xejn oħla
ma għandna x'nagħtuk,
għax nafu, Madonna,
kemm liek jogħġbuk.

U issa midd riġlek
fil-belt ċkejkna tiegħek,
dewwaqna s-sbuħija
li ngħixu jum miegħek.

Berikha, Madonna,
dil-belt tal-Għawdxin
li qatt ma rat ġrajja
sabiħa bħal din.



Kull waħda minn djarna
għ'kull żmien qima tatek,
għalhekk illum fihom
int waqqaf saltnatek.

'Ma l-iktar fil-kmamar
bla kliem, bla ġrajjiet,
fejn hemm l-aħwa tagħna
isofru fis-skiet.

Imliehom dal-kmamar
bil-ħlewwa ta' kliemek,
dewwihom bil-balzmu
u l-għasel ta' sliemek.

Bil-mant tiegħek sbejjaħ,
il-mant tal-ħarsien,
għattiha lil beltna,
ostorha f'kull żmien.

Tħalliha qatt toħroġ
minn taħt dan l-istar,
fix-xorti ħanina,
fix-xorti mill-agħar.

Ħabbejtna bil-bosta,
ħabbejtna, Marija,
int ħtartna mill-kotra,
għażiltna mill-bqija.

Jitkabbar ħaddieħor
u jifraħ b'kull ġid,
jiftaħar kemm jiflaħ
bil-flus, biex irid.

Bik biss aħna mkabbra,
Madonna Ta' Pinu,
minqux għandu ismek
kull Għawdxi fuq ġbinu.

U b'rasna merfugħa
neħduh kullimkien,
bħal fjamma li tixgħel
fil-lejl ta' kull żmien.

Madonna Ta' Pinu,
sat-temma tas-snin
il-ġieħ tiegħek jiddi
fuq ras il-Għawdxin.



*Poeżija li nqrat fil-Pjazza ewlenija tal-Belt Victoria, Għawdex, quddiem eluf ta' nies meta nġieb il-Kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu fil-Belt Victoria, fit-3 ta' Lulju 1949, għeluq il-Kungress Marjan f'Għawdex.*

Mal-poeżija qed jidhru ritratti storiċi ta' J. Fenech Studio li juru ż-Żjara storika tal-Kwadru fil-Belt Victoria f'Novembru 1950. Ma waslulniex ritratti taż-żjara tal-1949.

# L-Art Imqaddsa, Lod u San Ġorġ

## (It-Tieni Parti)

Patri Noel Muscat OFM

**San Ġorġ fit-tradizzjoni Kristjana**

San Ġorġ (c. 275/281–23 ta' April 303) hu wieħed mill-aktar qaddisin popolari fil-Kristjanità, l-aktar fl-Orjent, u fil-Palestina. Ma tistax titkellem fuq l-Art Imqaddsa mingħajr ma ssemmi lil San Ġorġ. Fl-Oċċident Kristjan il-kult ta' San Ġorġ iddaħħal fl-Ewropa l-aktar bil-ħidma tal-Kruċjati, għalkemm kien diġà preżenti sa mill-qedem f'dawk l-inħawi tal-Ewropa maħkumin mill-Biżantini (ara Ġorġ Aquilina, *San Ġorġ martri ta' Kristu. Tagħrif storiku*, Malta 2003, 151). L-aktar dokument popolari fl-Oċċident fuq il-kult lejn San Ġorġ hu l-*Legenda Aurea* ta' Jacobus de Voragine.



Il-leġġenda ta' San Ġorġ tindikah bħala li twieled f'familja Kristjana lejn tmiem is-seklu tlieta. Missieru kien mill-Kappadoċja u kien uffiċjal fl-armata tal-Imperu Ruman, u ommu kienet minn Lidda. Meta romlot telqet mill-Kappadoċja u marret tgħix ma' binha Ġorġ f'Lidda. Iż-żagħżugħ Ġorġ ukoll ingħaqad mal-armata u sar *"tribunus"* (tribun) u *"comes"* (konti) fl-istess armata. Il-karriera militari tiegħu għexha fin-Nikomedija, bħala membru tal-gwardja personali tal-Imperatur Ruman Djoklezjanu.

Fis-sena 303 Djoklezjanu ħareġ editt imperjali biex jikkmanda l-persekuzzjoni sistematika tal-Kristjani fl-imperu kollu. L-Imperatur Galerju kien dak li kien kompla din il-persekuzzjoni (305-311) u x'aktarx li kellu effett fuq Djoklezjanu biex ħa din id-deċiżjoni. Ġorġ ġie ordnat jieħu sehem f'din il-persekuzzjoni, imma hu stqarr li hu nnifsu kien Kristjan u għalhekk dar kontra d-deċiżjoni imperjali. Djoklezjanu għaldaqstant ordna li jkun ittorturat u mbagħad qatagħlu rasu. Skont it-tradizzjoni Ġorġ sofra l-martirju barra l-ħitan tan-Nikomedija fit-23 ta' April 303. Qabel miet irnexxielu jikkonverti lill-Imperatriċi Alessandra u lil Atanasju, li kien qassis pagan. Il-ġisem mejjet ta' San Ġorġ ittieħed Lidda, fejn il-Kristjani mill-ewwel qimuh bħala martri.

F'Lidda nbniet knisja f'ġieħ San Ġorġ mill-Imperatur Kostantinu, u skont l-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija kienet ġiet ikkonsagrata f'ġieħ dan il-bniedem hekk famuż. Il-knisja Biżantina Kostantinjana nqerdet fl-1010 imma reġgħet inbniet mill-Kruċjati. Din ukoll inqerdet minn Saladin waqt it-Tielet Kruċjata (1189-1192). Il-knisja li hemm illum inbniet fuq il-fdalijiet tagħha fl-1872.

Il-leġġenda ta' San Ġorġ li joqtol id-dragun fil-verżjoni Oċċidentali tgħid li din il-ġrajja seħħet fil-belt ta' Silene (forsi Ċirene fil-Libja) jew ukoll fil-belt ta' Lidda, skont it-tradizzjoni Palestinjana. Dan id-dragun, simbolu tal-qawwiet tal-ħażen, kien joqgħod maġenb nixxiegħa ta' ilma barra l-belt. In-nies tal-belt kellhom jaraw kif jagħmlu biex id-dragun jitlaq minn hemm ħalli jieħdu l-ilma. Biex jirnexxilhom il-pjan tagħhom offrewlu sagrifiċċju uman. Bħala vittma għażlu li joffrulu l-prinċipessa. Din it-tfajla tiġi offruta lid-dragun, imma jidħol fix-xena l-qaddis Ġorġ li jaffaċċja d-dragun, joqtlu u jsalva lill-prinċipessa. B'dan il-mod iċ-ċittadini tal-belt jabbandunaw il-kult anċestrali pagan tagħhom u jikkonvertu għall-Kristjaneżmu.

Hemm min jara f'din il-leġġenda xebh mal-istorja mitoloġika ta' Perseus u Andromeda. San Ġorġ riekeb fuq żiemel abjad malajr daħal fl-ikonografija Kristjana Orjentali, kif daħal ukoll San Demetriju, riekeb żiemel aħmar. X'aktarx li bħala figura ta martri San Ġorġ jirrappreżenta t-teoloġija li nsibu fil-ktieb tal-Apokalissi, fejn il-figura tad-dragun bħala l-għadu infernali tidher fil-qawwa kollha tagħha (12:1-18). F'Apok 19:11-16 imbagħad insibu d-deskrizzjoni tal-kavallier fuq iż-żiemel abjad: "Imbagħad rajt is-sema miftuħ, u kien hemm żiemel abjad! Dak li kien riekeb fuqu jissejjaħ Fidil u Veru; bil-ġustizzja hu jaqta' l-ħaqq u jagħmel il-gwerra. Għajnejh qishom ħuġġieġa nar, b'ħafna djademi fuq rasu, u b'isem miktub fuqu li ħadd ħliefu ma jafu. Kien liebes mantell imxarrab bid-demm, u jissejjaħ bl-isem 'il-Verb ta' Alla'. Mexjin warajh, fuq żwiemel bojod, kien hemm l-eżerċti tas-sema, lebsin l-għażel abjad bla nikta. Minn fommu ħierġa xabla misnuna, biex joqtol il-ġnus, u jmexxihom b'xettru tal-ħadid. Huwa jisħaq l-inbid ibaqbaq fil-magħsra tal-korla ta' Alla li jista' kollox. Fuq il-mantell u fuq koxxtu għandu miktub isem: 'Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien'".

Din id-dehra naturalment tirriferi għal Kristu rebbieħ, permezz tal-qawwa tal-Kelma tiegħu, fuq il-qawwa tad-dlamijiet, imma sa mill-bidu nett tal-Kristjaneżmu hi dehra li ta' spiss ġiet irriferita għar-rebħa tal-martri, li bħal Kristu





jsaltnu wara li xerrdu demmhom b'rebħa fuq ix-xitan. Fost il-martri ftit għandhom kult daqshekk popolari bħal San Ġorġ, li flimkien mal-martri tal-Palestina li Ewsebju ta' Ċesarija jitkellem fuqhom, akkwista l-unur li jirrappreżenta l-emblema tal-martirju Kristjan fil-milja tagħha.

**Al-Khidr fit-tradizzjoni Musulmana**

L-isem *Al-Khidr* jew *El-Khader* fit-tradizzjoni Għarbija-Musulmana jirriferi għal San Ġorġ. Ifisser litteralment "dak li jħaddar". Xi wħud huma tal-fehma li l-Musulmani jqisu dan il-persunaġġ bħala qaddis, filwaqt li oħrajn jgħidu li hu profeta fl-Iżlam. Hu jissemma fil-Koran (Qur'an) fis-"sura Al-Kahf" (18:65082), fejn jingħad li l-profeta Mosè (Nabi Musa) iltaqa' ma' Al-Khidr, li kien wieħed mill-qaddejja tiegħu. Mosè jitolbu l-permess biex jakkumpanjah u hekk ikun jista' jitgħallem mill-għerf ta' dan il-persunaġġ "dejjem iħaddar", jew eternament żagħżugħ. Meta Al-Khidr intebaħ li Mosè kellu t-Torah (Liġi) u l-għerf divin, hu infurmah li l-għarfien tiegħu kien ta' natura differenti u li Mosè ma setax josservah mingħajr ma joqgħod jistaqsih ħafna domandi. Mosè wiegħdu li jużа sabar miegħu u huma għamlu vjaġġ flimkien.

**Il-kult lejn San Ġorġ Martri f'Lidda**

Ħadd ma jaf min introduċa l-kult lejn San Ġorġ fil-belt ta' Lidda-Diospolis. L-eqdem xhieda jidhru fis-seklu sitta u juru li l-belt kienet meqjuma bħala l-post tal-martirju tal-qaddis, u l-post li fih kienu meqjuma r-relikwi tiegħu. Fl-itinerarju tal-pellegrin Theodosius, miktub qrib is-sena 530, naqraw: "F'Diospolis, fejn San Ġorġ irċieva l-martirju, hu mħares ġismu u jsiru ħafna mirakli" (*De situ Terrœ Sanctœ*, c. 4, *Corpus Christianorum Scriptorum Latinorum* 175, 116). L-istess informazzjoni nsibu fl-itinerarju tal-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza, li żar il-Palestina qrib is-sena 570 (CCSL 175, 142). It-tradizzjoni tas-sitt seklu dejjem issemmi knisja u qabar. Skont il-kalendarju tal-Knisja ta' Ġerusalemm, il-festa ta' kull sena kienet issir fit-3 ta' Novembru: kienet tfakkar id-Dedikazzjoni tal-knisja u d-Depożizzjoni tar-relikwi.

Il-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza jikteb: "Fuq it-triq, mhux bogħod minn Lidda, hemm kolonna tar-rħam f'nofs it-triq. Meta l-Mulej kien ittieħed biex jiġi fflaġellat ma' din il-kolonna, hi ħarbet, u ġġarret minn sħaba sakemm tqiegħdet f'dan il-post. Il-prova li dan hu minnu jidher mill-fatt li l-kolonna ma għandhiex bażi, li fuqu suppost li tistrieħ, imma tinsab imqiegħda direttament mal-art. Fuq il-quċċata tagħha jidher salib tal-ħadid. Hemm sellum li minnu wieħed jasal fil-quċċata, fejn jitqiegħdu bosta mnajjar u jinħaraq l-inċens. F'dan il-post dawk li huma maħkumin mix-xitan jinħelsu, għax f'dawn l-inħawi jidhru l-ħafna mirakli tal-imqaddes Ġorġ".

Eżattament seklu aktar tard żar il-Palestina l-qassis Arculphus. Mix-xeħta hu ma marx Lidda, imma meta kien Kostantinopli hu sema' bil-kolonna mirakuluża li magħha kien ġie fflaġellat San Ġorġ, u li kienet imħarsa f'Diospolis. Hu sar jaf bi ġrajjiet ġodda fuq il-qaddis. Leġġenda kienet tgħid li din il-kolonna kienet tinsab f'dar ta' wieħed Kristjan u li fuqha kien hemm impittra x-xbieha ta' San Ġorġ. Wieħed kavallier ipprova jolqot ix-xbieha u l-lanza tiegħu nifdet il-kolonna daqslikieku din kienet magħmula mill-borra. Malli ra dan il-miraklu l-kavallier ikkonverta (*De Locis Sanctis*, III, 4, CCSL 175, 229-231).

Fis-snin 723-726 il-pellegrin Willibald żar il-Palestina u wasal f'Lidda biex iqim lil San Ġorġ. Mhux biss il-belt kien għad kellha isqof residenti, imma kien hemm ukoll eremita Stilita jgħix fiha, jismu Ġiljan. Ir-raħeb Andrija ta' Kreta, li fi tmiem is-seklu sebgħa kien Isqof ta' Gortyna u Metropolita ta' Kreta, jikteb li f'Diospolis kien hemm "xbieha maħduma mhux b'idejn il-bnedmin, li kienet turi lil Omm Alla, u li kienet għolja tliet kubiti. Din kienet ilha meqjuma minn żminijiet l-Appostli, f'tempju msaqqaf li huma kienu bnew, fuq ix-xaqliba tal-punent. Ix-xbieha kienet maħduma b'mod hekk artistiku, daqslikieku ġiet impittra minn id esperta, u kienu jidhru l-mant vjola u t-tunika tagħha, idejha u wiċċha, u x-xebh magħha wieħed kien jista' jgawdih sal-ġurnata tal-lum" (*De sanctarum imaginum veneratione*, PG 97, 1301-1304). Andrija jkompli jgħid li Ġiljan l-Apostata kien bagħat xi rġiel biex jeżaminaw din ix-xbieha. Ukoll jekk inħallu fil-ġenb dawn il-leġġendi li ġew żviluppati madwar dawn ix-xbihat, ikollna nammettu li f'Lidda l-Kristjani kienu tabilħaqq iqimu santwarju importanti fl-ewwel żminijiet tal-ħakma Għarbija tal-Palestina.

Il-ħakkiema Għarab ma kinux jittolleraw din id-devozzjoni. Huma ppruvaw imexxu ċ-ċentru abitat minn Lidda għal Ramleh, ftit kilometri bogħod. Ya'qubi jikteb li fis-sena 870 il-Kaliff Suliman bin Abdel Malik ġiegħel lin-nies ta' Lidda jmorru joqogħdu f'Ramleh u qerdilhom djarhom u saħansitra l-belt. Kien f'dan il-perjodu li l-Musulmani bdew jemmnu fit-tradizzjoni li Kristu kellu joqtol l-Antikrist fl-aħħar jum fil-bieb ta' Lidda. Ta' min jilmaħ ix-xebh ta' din it-tradizzjoni antika Musulmana





l-monasteru u l-qabar fis-sena 870.

Fi żmien il-Kruċjati, bejn l-1099 u l-1286, kien hemm mhux inqas minn ħmistax-il Isqof ta' Lidda, li ma baqgħetx tissejjaħ Diospolis, imma kienet magħrufa bħala s-Sede Episkopali ta' Lidda u Ramleh. Il-Kruċjati naturalment inġibdu lejn Lidda minħabba l-kult ta' San Ġorġ, u hemmhekk iddeċidew li jerġgħu jibnu mill-ġdid il-knisja tal-qaddis. Fis-sena 1177 wieħed pellegrin Grieg, Ġwann Phocas, għadda minn Lidda u jikteb hekk: "Hawnhekk wieħed jara knisja kbira ddedikata lill-Megalomartri San Ġorġ, fl-istess post li fih twieled u li kellu jsofri l-akbar taqbidiet minħabba qdusitu, u fejn ukoll jinsab il-qabar tiegħu. Il-knisja hi mtawla u fl-abside tal-presbiterju, taħt il-paviment fejn jinsab l-altar imqaddes, wieħed jista' jara l-bokka tal-qabar, li ġiet imblukkata bi rħam abjad. Qaluli li l-Isqof Latin li hemm illum ipprova jiftaħ il-bokka

mal-istorja famuża ta' San Ġorġ li joqtol id-dragun, u li fiha nilmħu s-simboliżmu tal-battalja eterna bejn il-qawwiet tat-tajjeb u dawk tal-ħażen.

Meta Karlu Manju ordna li ssir il-lista ta' monasteri fil-Palestina fis-sena 808, ma tissemmiex Lidda. Minkejja dan ma nistgħux ngħidu li s-santwarju ta' San Ġorġ kien meqrud. Tant hu hekk li r-raħeb Bernard isemmi

tal-qabar, u meta għolla l-għatu tar-rħam li jimblukkah, hu sab għar kbir, u fin-naħa ta' ġewwa tal-għar hu sab il-qabar tal-qaddis. Hu pprova jiftaħ dan ukoll, imma ħarġet għalih fjamma nar mill-qabar, li kienet għoddha ħarqet lil wieħed mill-irġiel u qatlet lill-ieħor fil-post" (PG 133, 959-962). Għalkemm anki hawnhekk ninsabu quddiem elementi leġġendarji, jkollna nammettu li l-fatt tal-għar



taħt l-altar jista' jkun minnu u jwassalna biex nemmnu li l-kult ta' San Ġorġ seta' beda fil-qabar li kien jinsab f'tarf il-belt. Is-santwarju preżenti għaldaqstant seta' kien l-okkażjoni biex il-belt inbniet aktar qrib il-qabar, kif ġara f'postijiet oħrajn fil-Palestina, bħal fil-każ tal-qabar ta' Lazzru f'Betanja. Il-Kruċjati kienu reġgħu bnew il-knisja fuq il-post tradizzjonali.

Mal-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm, il-knisja ġiet abbandunata mil-Latini. Bil-mod il-mod, minħabba restrizzjonijiet imposti mill-ħakkiema Musulmani, il-knisja bdiet taqa' biċċiet. Meta fl-1374 żar Lidda l-Franġiskan Niccolò da Poggibonsi, hu ra l-knisja għadha f'kundizzjoni tajba, u kiteb: "Mil bogħod minn Ramleh hemm belt jisimha Lidda, u fiha hemm monasteru sabiħ u knisja kollha mpittra u mżejna. Taħt l-altar maġġur hemm blata li għandha toqba fin-nofs, u hemmhekk San Ġorġ qatgħulu rasu. F'din il-knisja jgħixu monaċi Griegi u l-pellegrini jaqilgħu indulġenza kbira għal dnubiethom".

Il-pellegrini Medjevali kollha jixhdu għal din il-knisja mżejna bil-mużajċi u l-irħam, bid-differenza li l-blata fl-abside ma baqgħetx timmarka l-bokka tal-qabar tal-martri imma l-post fejn San Ġorġ kien irċieva l-martirju. Fl-1431 Mariano da Siena ra knisja sabiħa, imma li kienet nofsha mġarrfa, u li fiha kien hemm żewġ altari, wieħed tal-Griegi u l-ieħor li jimmarka l-post li fih San Ġorġ kienu qatgħulu rasu. Jgħid li hemmhekk tiġi ċċelebrata l-quddiesa għall-Kristjani, filwaqt li l-Musulmani jħarsu mingħajr ma jindaħlu.

Fl-1494 il-Kanonku Pietro Casola minn Milan jgħid li l-knisja kienet meqjuma wkoll mill-Musulmani. Fil-fatt, il-Musulmani kienu bnew moskea f'parti mill-knisja. Il-kittieb Musulman Mujir ed-Din, fl-1496, jixhed għal dan: "F'Lidda hemm knisja b'saħħitha li għandha bitħa kbira. Il-Kristjani kienu żejnuha b'ħafna doni u sal-lum għadhom iqimuha b'fidi soda. Is-sultan Saladin kien qeridha. Alla jkollu ħniena minnu, u jalla jkun ferħan! Lidda hi belt mill-isbaħ. Tinsab qrib Ramleh, li hi belt ftit bogħod lejn ix-xaqliba tat-tramuntana. Lidda għandha moskea meqjuma li qabel kienet knisja li kienu bnew il-Griegi. Hi għandha minaret għoli".

Mal-waqgħa tar-Renju Latin is-santwarju ġie f'idejn il-Kristjani lokali. Il-pellegrin Willbrand ta' Oldenburg, li żar il-postijiet qaddisa fl-1212, jinnota li "l-ġisem ta' San Ġorġ jinsab f'ċertu monasteru tas-Sirjani qrib Ramleh, u dan il-post jissejjaħ il-post li fih twieled San Ġorġ".

Il-pellegrin Russu Grethonios li ġie fil-Palestina fl-1400 osserva li f'Lidda kienu jgħixu bosta Kristjani Sirjani. Fl-1481 il-Franġiskan Paul Walter innota li l-Kristjani kienu jgħidu li dan kien post li fih wieħed seta' jikseb indulġenzi. Imma jżid li kienu ftit il-pellgrini li kienu jmorru Lidda, għax kienet barra mit-toroq ewlenin u kienu jridu jħallsu l-ħaraġ lill-Musulmani biex iżuru s-santwarju. Fl-istess sena d-Dumnikan Faber jgħid li kien hemm Griegi jgħixu f'Lidda, jew aħjar Kristjani ta' rit Grieg.

Fis-seklu sittax Patri Bonifacio da Ragusa jsemmi l-Kristjani li kienu jgħixu f'Lidda, u jgħid li kienu jmorru Betlehem fil-Ħadd qabel il-Festa tal-Assunta, flimkien mal-Kristjani l-oħrajn kollha ta' rit Grieg, biex hemmhekk ifakkru l-mewt ta' Marija.

Qatt ma saru skavi arkeoloġiċi fil-belt ta' Lidda, u għalhekk ftit nafu fuqha. L-unika ħaġa li nafu hi fuq il-Knisja ta' San Ġorg. Fl-1847 A. Bassi kiteb fuq l-istil "Gotiku" tal-knisja u ddeskrivieha hekk: "It-tempju għandu tliet navati, li kollha jispiċċaw f'abside, u jagħtu lil dan il-monument forma rettangolari. Il-pilastri kwadri u b'saħħithom isostnu t-tliet arkati ta' kull navata u għandhom kolonna fuq kull naħa, tal-istess ħxuna fit-tul tagħha u bażi mingħajr pedestall. Il-kapitelli tal-kolonni u l-pilastri jkomplu tul il-ħajt kollu tal-abside ċentrali, li hi l-akbar waħda...".

Fl-1871 Clermont-Ganneau rċieva permess biex jidħol fil-moskea u offra deskrizzjoni arkeoloġika tal-antikitajiet. Barra mill-knisja Kruċjata hu indika l-abside Biżantina li tinsab fix-xaqliba tal-lvant tal-moskea, kif ukoll xi kolonni li huma inkorporati fil-pilastri tal-moskea. Hu kkonkluda li fil-fatt kien hemm żewġ knejjes, waħda maġenb l-oħra, imma li nbnew f'perjodi diversi: dik tan-naħa tan-nofsinhar f'epoka Biżantina u l-oħra f'epoka Kruċjata.

Il-Knisja ta' San Ġorġ li hemm illum f'Lod reġgħet inbniet parzjalment mill-monaċi Griegi Ortodossi, li juffiċjawha fl-1870, fuq il-fdalijiet tal-knisja Kruċjata. Kien lejn it-tieni nofs tas-seklu dsatax li l-awtoritajiet Ottomani taw il-permess lill-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm biex jibni knisja fejn qabel kien hemm il-Bażilika antika ta' San Ġorġ. Il-knisja hi mibnija fuq struttura antika tas-seklu ħmistax u tokkupa x-xaqliba tat-tramuntana tan-navata u n-naħa tax-xellug tal-knisja qadima, li minnha għadhom weqfin żewġ absidi li, kuntrarjament għar-regola normali, iħarsu lejn it-tramuntana u mhux lejn il-lvant. Il-knisja tal-lum tokkupa n-naħa tal-grigal ta' dik li kienet il-Bażilika Biżantina. Is-sala tat-talb tal-Moskea ta' el-Khader, jew al-Khidr (l-isem li l-Musulmani jagħtu lil San Ġorġ), fiha l-kolonna li darba kienet fin-navata tal-bażilika. Taħt l-abside hemm għar li fiċ-ċentru tiegħu hemm ċenotafju li fih bassoriliev ta' San Ġorġ b'din l-iskrizzjoni: "San Ġorġ, li jġorr il-lanza, 1871, taħt il-Patrijarka Ċirillu". M. Beza, fil-ktieb *Lands of many religions* (London 1934, 48-52), jippreżenta ritratti ta' din il-knisja u ta' dan l-għar, u jgħid li l-Arkimandrita Neophytus kien qallu li qabel ma tqiegħed dan iċ-ċenotafju kien hemm għar li fih in-nisa kienu jmorru jixegħlu x-xemgħat f'ġieħ San Ġorġ. Darba minnhom wieħed Musulman kien ipprova jwaqqaf din id-drawwa, imma San Ġorġ darbu bil-lanza. Din hi r-raġuni tal-iskrizzjoni li hemm illum. Hemm bosta djar antiki abbandunati qrib il-knisja li għad għandhom sinjali Kristjani fuq il-blatiet tal-bibien tagħhom, kif inhi d-drawwa fil-Palestina, fejn bosta djar Kristjani jġibu x-xbieha li bla dubju hi ta' San Ġorġ riekeb iż-żiemel u jisħaq id-dragun.



# Il-Beatu Karlu I (1887-1922), Imperatur tal-Awstrija u Re Appostoliku tal-Ungerija

Dennis Mifsud



Il-Beatu Karlu I, Imperatur tal-Awstrija

L-Arċiduka Karlu Habsburg-Lothringen twieled f'Persenbeug, l-Awstrija, fis-17 ta' Awwissu 1887. Meta kellu biss ftit snin, missieru u ommu ħaduh fil-Monasteru Orsolin ta' Sopron fl-Ungerija. F'dak iż-żmien kienet tgħix hemm Madre Vincentia Fauland, meqjusa bħala mistika, li pprofetizzat li t-tfajjel Karlu kien sa jilħaq Imperatur tal-Awstrija u sa jsofri ħafna mill-avversarji tiegħu, u li kien hemm bżonn jitwaqqaf grupp ta' talb biex jassistih bit-talb u s-sagrifiċċji. Il-familjari ta' Karlu baqgħu mmeraviljati b'din il-profezija, għax Karlu kien igawdi biss il-ħames post fil-linja ta' suċċessjoni imperjali. Ċerti Konti u Kontessa Wallis ħadu din il-profezija bis-serjetà u fl-1895 iffurmaw Moviment ta' Talb, kif talbet Madre Fauland, biex jitolbu u joffru sagrifiċċji għall-futur Imperatur.

Fil-21 ta' Ottubru 1911, Karlu żżewweġ lill-Prinċipessa Zita Bourbon-Parma u frott iż-żwieġ tagħhom huma kellhom tmien ulied, li lkoll ħallewna. L-aħħar li mietu huma Otto fl-4 ta' Lulju 2011 fl-età veneranda ta' 98 sena, u Felix fis-6 ta' Settembru 2011 fl-età ta' 95 sena.

L-Arċiduka Karlu, fil-Gwerra l-Kbira tal-1914-1918 kien kmandant tal-Għoxrin Korp fl-offensiva kontra l-Italja u wara serva bħala Kmandant tal-armata fuq il-front tal-Lvant. Fit-28 ta' Ġunju 1914 ġie assassinat l-Arċiduka Franz Ferdinand, l-Imperatur Franz Joseph miet sentejn wara, u għaldaqstant is-suċċessjoni imperjali waqgħet fuq spallejn Karlu. Ftit żmien wara Karlu ġie inkurunat Imperatur tal-Awstrija u kkonsagrat Re Appostoliku tal-Ungerija u l-Boemja. Fost il-ħafna dekorazzjonijiet li bihom kien imżejjen Karlu I, ta' min jgħid li huwa kien Balì tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta. Wasluna bosta ritratti tal-Imperatur Karlu I li fihom wieħed jista' jammira l-midalja tas-Salib tal-Kavallieri, fost ħafna midalji oħrajn mal-uniformi tiegħu!

Il-Beatu Karlu jista' jitqies ukoll bħala qaddis Ġorġjan minħabba l-fatt li kellu devozzjoni lejn San Ġorġ. Ma nafux kif nibtet fih din id-devozzjoni, biss nistgħu nissoponu li rawwem fih imħabba u devozzjoni lejn il-martri Ġorġi tul iż-żmien li tħarreġ fil-militar. Ma' San Ġorġ fil-fatt kien iqim ukoll lill-Arkanġlu San Mikiel, li eventwalment meta laħaq imperatur ħatru Patrun tal-Armata Imperjali.

"Jien sa nagħmel minn kollox biex immedjatament inwaqqaf l-orruri u s-sagrifiċċji tal-Gwerra, biex issaltan il-paċi mitlufa li l-poplu tagħna għandu bżonn"; hekk tenna l-Imperatur Karlu, din kienet l-istrateġija politika tiegħu. Ftit irnexxielu japplika dawn il-miżuri paċifisti, għax l-għedewwa tiegħu, uħud minnhom kollegi tiegħu, kienu qed jaħdmu kontrih minn wara dahru. L-Imperatur Karlu tal-Awstrija jista' jitqies bħala missier u fundatur tal-Ewropa magħquda, għaliex kien hu li tħabat u stinka biex iġib l-għaqda u l-prosperità fost in-nazzjonijiet Ewropej. B'xorti ħażina, il-mexxejja Ewropej ta' dak iż-żmien ma tawx widen għall-proposta ta' Karlu I; li kieku seħħet ix-xewqa tiegħu, l-Ewropa u d-dinja kienu jiffrankaw l-orruri u l-massakri tat-Tieni Gwerra Dinjija. Biss dak li żera'



L-Imperatur Karlu, il-Prinċep Otto u l-Imperatriċi Zita fl-inkurunazzjoni tagħhom f'Budapest fl-1916.



l-Prinċep Otto fl-inkurunazzjoni tal-ġenituri tiegħu f'Budapest fl-1916.

Karlu I ma ntilifx, għaliex xi snin wara, l-idea ta' Ewropa magħquda reġgħet ribtet.

Intant, l-Imperu Awstro-Ungariku waqa' u l-Gvern Awstrijakk ġiegħel lill-Familja Imperjali tħalli l-pajjiż. Għexu għal xi żmien fl-Iżvizzera u mbagħad ġie deċiż li jiġu eżiljati hawn Malta, imma minħabba raġunijiet imprevisti huma ttieħdu f'Funchal, fil-gżira Portugiża ta' Madeira. Ta' min jaċċenna għall-fatt li fi triqthom lejn Madeira, il-bastiment *Cardiff* li fuqu kienet abbord il-koppja imperjali daħal fil-Port il-Kbir ta' Malta, imma l-Ingliżi ma tawx permess lil Karlu u l-martu Zita jinżlu l-art. Jeżisti ritratt tal-koppja imperjali abbord il-vapur *Cardiff* li ttieħed ftit wara li ħallew il-Port il-Kbir.

Eventwalment f'Madeira għexu fil-faqar, għax ġidhom kollu ġie kkonfiskat. Karlu marad bil-pnewmonja u miet nhar l-1 ta' April 1922 fl-età ta' 34 sena. Jinsab midfun fil-Knisja ta' Nossa Senhora do Monte f'Funchal, waqt li qalbu tinsab meqjuma flimkien mal-qalb ta' martu Zita fil-Knisja abbazjali ta' Muri fl-Iżvizzera.

Il-Moviment ta' Talb tal-Imperatur Karlu kompla jinfirex aktar wara mewtu. B'xorti ħażina, ħafna mid-dokumentazzjoni tal-moviment, li tmur lura għas-snin 1920-1940, intilfet fit-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa kkalkulat imma li sal-1938 kien hemm 25,000 membru rreġistrat fil-moviment. L-Arċidjoċesi ta' Vjenna fl-1957 approvat l-istatuti tal-moviment u seba' snin wara ġie erett kanonikament bħala Assoċjazzjoni Kattolika bl-istatuti proprji tagħha. Eventwalment in-numru ta' membri baqa' dejjem jikber. Fl-1949 il-Moviment tal-Imperatur Karlu u l-Arċidjoċesi ta' Vjenna unanimament talbu lis-Santa Sede biex jinfetaħ il-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' Karlu I. Din it-talba giet aċċettata, twaqqfu seba' tribunali f'seba' djoċesijiet differenti, u wara li dawn intemmu b'suċċess, l-informazzjoni miġbura ngħatat lis-Santa Sede, li rrikonoxxiet mhux biss il-validità tal-proċessi u l-virtujiet erojċi ta' Karlu I, imma wkoll il-miraklu li sar bl-interċessjoni tiegħu. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kellu stima u devozzjoni kbira lejn l-Imperatur Karlu I, għax missieru kien suldat fl-armata Awstro-Ungarika u hu nnifsu kien issemma Karol fil-magħmudija b'turija ta' rispett lejn l-Imperatur Karlu. Kellu jkun dan il-Papa li ddikjara Beatu lill-Imperatur tiegħu fit-3 ta' Ottubru 2004, l-aħħar beatifikazzjoni li huwa mexxa qabel mewtu li seħħet fl-2005.



Karlu I u martu Zita mal-qaddejja, meta l-*Cardiff* kien ħalla l-Port ta' Malta u waqaf għal ftit fil-Port ta' Gibiltà.

Attwalment il-Moviment ta' Talb għandu l-presidenza ta' Mons. Fernand Franck, Arċisqof tal-Lussemburgu, liema presidenza skont l-istatuti tiġi dejjem appuntata mill-Arċisqof ta' Vjenna. Il-President huwa megħjun naturalment mill-Kunsill Ġenerali. F'ħafna pajjiżi hemm imbagħad id-delegati li jiġu appuntati mill-Kunsill Ġenerali. Fit-12 ta' April 2010 il-Kunsill Ġenerali ħatar lili bħala delegat tal-imsemmi moviment għal Malta kif ukoll promotur tal-kawża tal-kanonizzazzjoni tal-Beatu Karlu I għad-delegazzjoni Maltija. In-numru ta' membri Maltin u Għawdxin qiegħed dejjem jiżdied. X'inhuma l-obbligi li jitlob il-Moviment tal-Imperatur Karlu I mill-membri tiegħu? Aħna mħeġġin (1) li nfittxu u ngħixu r-rieda ta' Alla għalina, (2) li naħdmu għall-paċi u l-ġustizzja, u (3) li npattu b'talbna u bis-sagrifiċċji tagħna għall-offiżi li jirċievi Alla bid-dnubiet tal-umanità u għall-inġustizzji li jsiru fid-dinja. Il-membri kollha huma mħeġġin jattendu għall-attivitajiet li jorganizza l-moviment minn żmien għal żmien, li joffru quddiesa darba fix-xahar għall-ħtiġijiet tal-istat tal-ħajja tagħhom u li jxerrdu d-devozzjoni lejn l-Imperatur Karlu I. Ta' min jgħid li l-kawża tal-kanonizzazzjoni ta' Karlu I qiegħda tipproċedi b'passi inkuraġġanti f'Ruma. Inkomplu nitolbu biex jekk Alla jrid ma ndumux ma naraw lil Karlu I iddikjarat qaddis u, kif inhi x-xewqa ta' ħafna, ukoll Patrun tal-Ewropa.




Karlu milqugħ mill-Ungeriżi f'Budapest fis-7 ta' Settembru 1923

*Min irid aktar tagħrif fuq il-Moviment ta' Talb tal-Imperatur Karlu tal-Awstrija jew jaqla' xi grazzja bl-interċessjoni tiegħu, huwa mħeġġeġ jinforma lid-delegat Dennis Mifsud fuq l-email beatukarlumalta@yahoo.com, jew fuq in-numri tat-telefon 21552265, 21323444, jew 79923107.*

# Il-Kuntratt tat-Twaqqif tal-Erba' Parroċċi
## (L-Ewwel Parti)

Horatio Caesar Roger Vella



Id-Digriet tal-Unjoni tal-1689.

### Daħla

L-hekk imsejħa "Bolla" tat-28 ta' April 1688, miktuba b'kalligrafija leġġibbli min-Nutar Ġwanni Battista Dorbes għan-nom tal-Isqof ta' Malta, Fra Davide Cocco Palmeri, hija fil-fatt kuntratt li jinsab fl-Arkivju tan-Nutara fil-Belt Valletta.[1] Kontra l-prassi li toħroġ Bolla minn Ruma jew Digriet mill-Kurja tal-Isqof ta' Malta, hawnhekk għandna kuntratt magħmul *ad interim* peress li l-firda tal-erba' parroċċi, dawk ta' Santa Margerita Ta' Sannat, ta' Sant'Antnin tal-Kaċċa fix-Xagħra, ta' Santa Marija tal-Qala li kienet tinkludi lin-Nadur, u dik ta' Santa Marija tal-Virtujiet jew l-Assunta taż-Żebbuġ, mill-Knisja Arċipretali u Kolleġġjata ta' Marija Assunta tal-Kastell ta' Għawdex, kellha sseħħ wara li jirriżenja jew imut il-Kappillan ta' San Ġorġ.

Dan ġara peress li l-Isqof Cocco Palmeri għaqqad il-firda ta' dawn l-erba' parroċċi mill-Matriċi tagħhom mal-għaqda li ried li sseħħ bejn il-Parroċċa ta' San Ġorġ u dik Kolleġġjata, li bħala Rettur kellha Arċipriet il-Kan. Karlu Magri. Iżda l-Isqof Cocco Palmeri ma riedx li dan kollu jseħħ qabel ma jispiċċa minn Kappillan ta' San Ġorġ dak preżenti, jiġifieri Dun Pawlu Lamagna minn Cospicua, jew permezz ta' riżenja jew permezz ta' mewt. Fil-fatt, sena biss wara, fl-4 ta' Ġunju 1689, l-istess Dun Pawlu Lamagna nsibuh jieħu l-pussess tal-Knisja parrokkjali ta' beltu, Cospicua.[2] Kien ftit xhur qabel din id-data li Dun Pawl Lamagna rriżenja minn Kappillan ta' San Ġorġ, tant li fil-5 ta' Marzu 1689 setgħet tiġi l-konferma mill-Kongregazzjoni Sagra tal-Konċilju fil-Vatikan. Dan ifisser li Dun Pawl Lamagna rriżenja qabel din id-data, u fil-frattemp saret petizzjoni lill-Papa biex jikkonferma dak li l-kuntratt tat-28 ta' April 1688 kien ippjana li jsir.[3] Fl-istess jum li Dun Pawlu Lamagna ħa l-pussess f'Cospicua, fl-4 ta' Ġunju 1689, il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta u Għawdex, Dun Antonio Manso, ħareġ id-Digriet tal-approvazzjoni tal-għaqda bejn il-Parroċċa ta' San Ġorġ u dik tal-Matriċi, issa taħt l-Arċipriet tal-Kolleġġjata. Dan kollu hu tant minnu li r-reġistri ta' dawn l-erba' parroċċi ġodda ma setgħux jibdew jimtlew qabel id-data tal-5 ta' Marzu 1689, meta ġiet il-konferma mill-Vatikan, jew almenu qabel id-data tal-4 ta' Ġunju 1689, meta l-Vigarju Ġenerali ħareġ id-digriet tal-għaqda bejn San Ġorġ u l-Matriċi, u setgħu jibdew jiffunzjonaw indipendentement l-erba' parroċċi.[4] Fil-fatt, almenu fil-Parroċċa taż-Żebbuġ, insibu li l-ewwel magħmudija ġiet iċċelebrata fis-17 ta' Ġunju 1689, l-ewwel żwieġ fil-31 ta' Ottubru 1689, u l-ewwel funeral u difna fit-13 ta' Ottubru 1689.[5]

Dan kollu jfisser li min għandu rispett lejn l-istorja kif interpretata tajjeb minn min jifhem il-Latin m'għandux jiċċelebra l-fundazzjoni tal-parroċċa tiegħu, Ta' Sannat, tax-Xagħra, tan-Nadur u taż-Żebbuġ, fit-28 ta' April 1688, imma fil-5 ta' Marzu 1689, meta l-Vatikan ta l-kunsens tiegħu. Dan ifisser li bosta skrizzjonijiet u paġni tal-istorja għandhom jinbidlu biex toħroġ u tirbaħ il-verità.

Dan il-kuntratt, kif ġa għidna, jitkellem fuq żewġ affarijiet li kellhom iseħħu biss wara li jmut jew jirriżenja l-Kappillan ta' San Ġorġ: l-għaqda bejn iż-żewġ parroċċi u l-firda tal-erba' żoni mill-Matriċi. L-Isqof Cocco Palmeri



L-Isqof Davide Cocco Palmeri fi kwadru fis-Sagristija tal-Knisja arċipretali taż-Żebbuġ.

bħal donnu ried jolqot żewġ għasafar b'ġebla waħda. Huwa rrefera għad-diżgwid li kien jinħoloq minn żmien għal żmien bejn il-parruċċani ta' San Ġorġ u dik tal-Kolleġġjata, li ma kinux tal-ewwel barra mill-Kastell u tat-tieni fil-Kastell, imma kienu mħallta anki fir-Rabat, li hu msejjaħ ukoll "is-Subborg", jiġifieri, tal-Kastell. Dan it-taħlit ta' persuni minn parroċċi differenti f'żona waħda, li kienet reġgħet bdiet tiżżisti sal-lum, hu ħaġa unika u antikissma. Dan id-diżgwid kien jidher ukoll bejn il-Kappillan u l-Arċipriet, speċjalment fil-funzjonijiet u l-purċissjonijiet (ff. 1-2). Ġa fl-1630 kien hemm tentattiv biex dawn il-problemi jkunu solvuti permezz tal-għaqda ta' bejn dawn iż-żewġ parroċċi (f. 2). U peress li issa l-Arċipriet kien ser jitlef biċċa kbira minn Għawdex, madwar tliet kwarti minnu, mill-kura tal-erwieħ tiegħu, minn Wied il-Mielaħ sal-Ponta tal-Qala u Kemmuna u lura sax-Xlendi, tħalli barra lill-Għarb u lix-Xewkija, kellu bżonn ta' kumpens, u dan seta' jsir permezz tal-għaqda bejn San Ġorġ u l-parroċċa tiegħu, żieda ta' Viċi-Arċipriet, ritenzjoni ta' artijiet u dħul minn deċmi. U permezz ta' din l-għaqda, biex l-Arċipriet ma jbatix minn teħid ta' artijiet li kienu jsostnu lill-parroċċa tiegħu, l-Isqof Cocco Palmeri ried u rnexxielu jagħmel li l-erba' parroċċi ġodda jirċievu artijiet biex isostnuhom kemm minn artijiet mhux maħduma li kienu tal-Gran Mastru ta' Malta u Għawdex, li dak iż-żmien kien Fra Gregorio Carafa, u li l-okkupanti kellhom itellgħu ħitan tas-sejjieħ madwarahom b'mod li jmur mal-ambjent (f. 5), u kemm mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, imma mhux minn tal-Kolleġġjata. Dan seta' jseħħ biss fil-jum tal-għaqda ta' San Ġorġ mal-Kolleġġjata. Għalhekk, permezz ta' dik l-għaqda, fl-istess jum li seħħet, l-Isqof Cocco Palmeri seta' legalment jieħu minn ta' San Ġorġ, issa minn ta' dik l-għaqda, u jagħtih lill-erba' parroċċi.

Kien għalhekk li fl-2010, fil-prefazju tal-ktieb li jiena kont ħriġt fuq l-ewwel reġistru ta' Għawdex,[6] tkellimt fuq iż-żewġ parroċċi-omm, għaliex San Ġorġ qatt ma tneħħa minn parroċċa,[7] imma biss bħala Kappillan ġdid issa kien ser ikollu l-Arċipriet tal-Kolleġġjata li kellu jieħu ħsieb il-kura tal-erwieħ taż-żewġ parroċċi magħqudin (*unico contextu* {f. 7}) u jamministrahom. L-Isqof, fil-fatt, xtaq li r-relazzjoni bejn San Ġorġ u l-Kolleġġjata tkun bħal dik ta' San Pawl fir-Rabat ta' Malta u l-Katidral tal-Imdina (f. 7). U peress li issa, minn għaqda ta' żewġ parroċċi taħt ragħaj wieħed, ħarġu erba' parroċċi li qabel kienu jaqgħu mhux taħt San Ġorġ, imma taħt il-Kolleġġjata, u ngħatawlhom artijiet mhux mill-Kolleġġjata, imma minn San Ġorġ, il-verità hi li mill-għaqda tat-tnejn ħarġu erba' parroċċi fl-istess jum u skont l-istess Digriet.

Il-ħaġa l-oħra li għaliha sar dan il-kuntratt, ikkonfermat mill-Vatikan sena wara, kienet il-bżonn li l-Għawdxin jinqdew aħjar spiritwalment. L-Isqof Cocco Palmeri jgħid li l-Kastell kien jingħalaq kull lejl. Dan kien ifisser li assistenza lill-moribondi billejl fl-erba' nħawi msemmija ma kinitx possibbli. Matul il-jum, ħafna minn dawn in-nies ma setgħux jivvjaġġaw erba' mili u fuqhom ta' toroq diffiċli, u għalhekk kienu jibqgħu bla quddiesa fil-festi ta' obbligu, waqt li t-tfal ma setgħux jinġiebu fil-Kolleġġjata għat-tagħlim tad-duttrina (f. 1). Kienu okkażjonijiet rari li xi żwiġijiet seħħew f'xi wieħed minn dawn l-irħula. Fil-fatt, fis-26 ta' Awwissu 1685, erba' snin qabel ma ġiet il-konferma mill-Vatikan, seħħ iż-żwieġ fil-Knisja tal-Assunta taż-Żebbuġ bejn Ewġenju Camilleri, bin Karlu u Iżabella Agius, u Kjara Cini, bint Antonju u Speranza Zahra, miż-Żebbuġ. Bierek iż-żwieġ Dun Pawl Lautier, waqt li x-xhieda kienu Martin Dingli u Salvu Sazza.[8]

Din il-firda li kellha sseħħ ġabet ukoll firda bejn parroċċa ġdida u oħra, l-erbgħa li huma. Dan sar mhux biss billi kull waħda minnhom kienet indipendenti fl-amministrazzjoni tas-sagramenti, imma wkoll saħansitra fit-territorji li huma deskritti bid-dettall fil-kuntratt. F'din id-deskrizzjoni ġeografika, in-Nutar jaqleb għat-Taljan, u joqgħod attent kif l-Isqof jimmarka liema naħa tal-wied



L-aħwa Dun Duminik u Dun Karlu Magri.



dittonġi *œ* u *œ* li bnadijiet oħra nsibuhom sempliċiment bħala *e*, kif ukoll lejn l-ipsilon (*y*) u l-*ch* f'*Archipræsbyter* (f. 3), imma għandu *authoritate* (f. 3) flok *auctoritate*. L-isem ta' Għawdex huwa żbaljat: juża *"in Insula Gaudisij"* flok *"in Insula Gaulo"*.[10] Dan il-Latin juża wkoll figuri differenti ta' stil, bħalma huma l-kopja,[11] għaqda ta' żewġ kelmiet li jfissru kważi l-istess, u l-konġerje,[12] sensiela ta' kliem li jfissru kważi l-istess imdaħħlin għall-enfasi. Il-marki tal-punteġġjatura huma użati b'mod erratiku.

F'dan id-dokument, l-Isqof ordna wkoll li dawn l-erba' parroċċi kellhom iżommu l-preċedenza bejniethom, jiġifieri, Ta' Sannat qabel ix-Xagħra, ix-Xagħra qabel in-Nadur, u n-Nadur qabel iż-Żebbuġ. L-għażla ta' din l-ordni hija spjegata biss meta jissemma Dun Franġisk Vella taż-Żebbuġ, *"ultimu[m] in Præsbyteratu promotu[m]"* (f. 11), jiġifieri, "l-aħħar wieħed promoss fil-presbiterat". Dan ifisser, mela, li l-erba' qassisin, Dun Lazzru Camilleri, Dun Bernard Formosa, Dun Bernard Haber u Dun Franġisk Vella mhux neċessarjament kienu wieħed ixjeħ mill-ieħor, imma biss li wieħed qaddes qabel l-ieħor.

Dawn il-parroċċi kellhom ikollhom l-Ewkaristija fil-knejjes parrokkjali tagħhom, jibnu fonti tal-magħmudija, u jamministraw l-affarijiet l-oħra li s-soltu jseħħu f'parroċċa (f. 4). Il-Kappillani tagħhom issa kellhom id-dritt jiġbru mill-frott, dħul, prodotti, l-ewwel tal-qamħ u tax-xgħir, id-drittijiet tal-istola li biha kellhom il-kura tal-parruċċani, l-elemożini, l-offerti, l-għotjiet u gwadann ieħor, barra d-deċmijiet u l-artijiet li baqgħu jgħajtu lill-Arċipriet (f. 5). Dan l-Arċipriet u s-suċċessuri tiegħu żammew id-dritt, kif xtaq l-Isqof, li jirċievu xemgħa bajda ta' libbra kull festa tal-Assunta, u li jiffunzjonaw fil-festi u l-purċissjonijiet tagħhom li kellhom isiru fl-erba' parroċċi ġodda (f. 6).

Xtaqt qabel nagħlaq din id-daħla nsemmi xi affarijiet oħra ta' interess.

Mill-erba' parroċċi ġodda, żewġ parroċċi ġew ordnati li jkabbru flok jibnu mill-ġdid il-knejjes tagħhom: dik ta' Ta' Sannat u dik taż-Żebbuġ. Fil-każ ta' Ta' Sannat, l-ispazju tal-knisja l-qadima tħares lejn il-Punent ġie inkorporat fil-kor tal-knisja li tkabbret u li issa ġiet tħares lejn it-Tramuntana.[13] Din il-knisja reġgħet inbniet bejn l-1867 u l-1910.[14] Fil-każ taż-Żebbuġ, il-parti li kienet teżisti qabel, tħares lejn in-Nofsinhar, kienet ġiet tifforma l-kappella tal-lemin tal-knisja li kabbar Dun Franġisk Vella. Issa m'għadhiex tidher peress li twaqqgħet biex tagħti spazju għall-kappellun tal-lemin preżenti fil-knisja li reġgħet tkabbret fi żmien l-Aħħar Gwerra u li baqgħet tħares lejn in-Nofsinhar.[15] Dwar it-tnejn l-oħra, knisja ġdida kellha tinbena 'l hemm minn dik ta' qabel, kif u fejn indika l-Isqof Cocco Palmeri fix-Xagħra, fejn hi llum, 'l hemm mill-Knisja ta' Sant'Anton Abbati, fejn kien hemm id-djar ta' Duminku Bigeni, Duminku Xerri, Antonju Pace, Lawrenz Vella, Alessandru Refalo u oħrajn (f. 9) u, fit-tielet parroċċa, li kellha l-Knisja preżenti ta' Santa Marija tal-Qala, 'l hemm minnha fl-inħawi tan-Nadur, imma li kienet ġa abitata.[16] Din il-parroċċa tal-aħħar hija riferuta kemm bħala "Santa Marija tal-Qala" u kemm bħala "il-Qala".[17] Id-denominazzjoni tal-aħħar turi li l-isem tal-post kien il-Qala. Iżda wieħed iħaffef iżid li Ta' Nadur kienet intenzjonata li tkun is-Sede ta' din il-parroċċa sa minn

jew triq tmur mal-Arċipretat jew mal-parroċċa l-ġdida. Huwa jirreferi għal bajjiet, widien, għoljiet, blat, witat u ġonna. Postijiet milħuqa minn diversi żoni kienu fiċ-ċentru ta' Għawdex, bħall-ġonna tal-werrieta ta' Ġwanni Pietru Cuschieri, li jinsabu fuq il-lvant tal-Ħarrax, u l-wita maġisterjali mwaqqfa mill-Gran Mastru Lascaris, li tokkupa l-parti bejn ix-Xewkija fuq naħa, u x-Xagħra u n-Nadur fuq l-oħra.

Kull deskrizzjoni ġeografika li timmarka l-limiti tal-erba' parroċċi hija ppreċeduta minn lista ta' artijiet mogħtija lill-erba' żoni mill-Gran Mastru (A) u meħuda mill-Parroċċa ta' San Ġorġ (B). Dawn l-artijiet ma kinux bilfors jinsabu fil-lokalitajiet li kienu qegħdin jirċivuhom, imma fi bnadi oħra. Hekk għandna dawn l-għotjiet kif ġej: lil Ta' Sannat artijiet f'Ta' Santu Wistin (ir-Rabat) u taħt il-blat Tal-Ħawt (ir-Rabat) (A) u għalqa "Tax-Xlendi" u mandra żgħira fir-Rabat (B); lil Tal-Kaċċa artijiet taħt il-blat "Ta' Ferdien" (ix-Xagħra) u Xagħret il-Għażżenin (ix-Xagħra) (A), u għalqa "Ta' Xindini" (B); lil Santa Marija tal-Qala artijiet fuq in-Nadur u taħt ix-xaqliba tiegħu (A), u għalqa "Tal-Imġarr" u mandra żgħira "Ta' Santu Wistin" (ir-Rabat) (B); u liż-Żebbuġ artijiet ħdejn il-post tal-Patibulu[9] u fil-wied tar-Ramla (A), u għalqa "Ta' Għajn Abdul" (Santa Luċija) u oħra "Ta' Nuffara" (ix-Xagħra) (B) (ff. 8-11).

B'mod simili, kull deskrizzjoni ġeografika tispiċċa biż-żoni li kienu jagħmlu mal-erba' parroċċi. Għalhekk, Ta' Sannat kellu lill-Munxar u lil Ras il-Bajda; Sant'Antnin tal-Kaċċa kellu Ta' Għejun, Ta' Ferdien, il-Pergola u L-Aħżien; Santa Marija tal-Qala kellha lin-Nadur, Kemmuna u r-Ramla; waqt li ż-Żebbuġ kellu lil Wied il-Għasri, il-Ġordan, id-Dabrani u Ta' Kuljat. Wieħed jinnota hawnhekk li l-Għasri bħala raħal ma kienx imsemmi.

Il-Latin li bih hu miktub dan il-kuntratt, barra t-Taljan użat fid-deskrizzjonijiet ġeografiċi, huwa Latin sabiħ bħal dak ta' Ċiċerun, b'sentenzi u frażijiet iħaddnu oħrajn u li biex tifhimhom trid iddurhom darbtejn, imma bi ftit devjazzjonijiet mil-Latin Klassiku, bħal dak ta' *"per Nos"* (f. 1) għal *"a Nobis, At viso per experientiam quod non suppetebat modus"* (f. 2) għal *"Cum per experientiam viderimus modum non suppetere"*, u *"pro congrua earum Parochorum sustentat[io]ne"* (f. 2) għal *"congruœ earum Parochorum sustentationi"*, li okkorrenzi bħal dawn huma rari ħafna f'dan id-dokument. Dan il-Latin iġib ukoll l-ortografija tal-Klassiku, b'rispett ukoll lejn id-

dan il-kuntratt tal-1688. Din kienet il-parroċċa tal-Qala li kienet tinkludi lin-Nadur, li minnu ħarġet il-parroċċa ġdida tal-Qala.

Il-Knisja taż-Żebbuġ kienet l-unika waħda riferuta b'żewġ titli, dik ta' "Santa Marija tal-Virtujiet" u dik ta' "l-Assunta". Illum għandha t-titlu miżjud, dak ta' "l-Inkurunazzjoni". It-titlu "Tal-Virtujiet" għadda lilna bħala ta' "il-Virtut". *Virtut* hija abbrevjazzjoni ta' *Virtut[um]*, u Virtut għadha tissemma kemm fi pjazza fiż-Żebbuġ stess u kemm fil-Knisja parrokkjali l-qadima tal-Għarb. Il-kelma tal-lum *Virtù* għandha tinkiteb *Virtu'*, fejn l-aħħar sinjal juri proprju l-abbrevjazzjoni, u mhux l-aċċent. Hekk ukoll għandna ngħidu għall-kunjomijiet tagħna, bħal *Bondi'* u *Gafa'*.

Dan it-tibdil kollu sar wara riflessjoni twila, u wara li d-Djoċesi rrikorriet lejn Kristu, il-Madonna u lejn San Pawl, Patrun ta' Malta u Għawdex, u wara li ġie segwit dak li kienu jitolbu l-Kanoni tal-Knisja u l-istruzzjonijiet tal-Konċilju ta' Trento (f. 3).

*Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.*

**Riferenzi**


1 ANV, R792-10.

2 A. Ferres, *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, 300.

3 AKM, 23, ff. $12^v$-$13^v$.

4 Ferres, 555.

5 APŻ, *Libri baptizzatorum, matrimoniorum defunctorumque, sub diebus initialibus.*

6 H.C.R. Vella, *The earliest Church register in Gozo: 1554-1628*, Malta 2010.

7 F. 7: *statu tamen prout in praesentiaru[m] reperitur firmo semper remanenti, eoque minime suppresso, nec immutato.*

8 AKGĦ, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

9 Il-Patibulu kien post fejn kienu jiġu mgħallqa kriminali b'kastig kapitali. Bħala post fejn jarah kulħadd, wieħed jaħseb li kien f'xi spazju pubbliku fir-Rabat.

10 Fuq dan, wieħed jista' jara Vella, *Gozo in Classical literature*, f'L. Briguglio–J. Bezzina (Ed.), *Gozo and its culture*, Malta 1995, 13-48; Vella, *The Island of Gozo in Classical texts. Occasional Papers on Islands and Small States*, Malta, Foundation for International Studies: Islands and Small States Institute, 1995, 13.1-40; "Gaudos", f'*The Gozo Observer*, 2010, 23.9-16, u "The origin of the name of Gozo", f'*The Gozo Observer*, 2012, 27.3-20.

11 F. 2: *omnino existimavimus, et toto corde optavimus*, fejn iż-żewġ verbi jiffurmaw il-kopja, waqt li kull verb hu ppreċedut minn avverb jew frażi avverbjali.

12 F. 4: *ac pro dismembratis, disiunctis, divisis, et separatis respective haberi volumus.*

13 J. Bezzina, *Sannat fi ġrajjet Għawdex*, Għawdex 1989, 212-213.

14 Ibid., 425-432.

15 Vella, ktieb fuq iż-Żebbuġ li għandu jiġi ppubblikat din is-sena jew id-dieħla.

16 F. 10-11: *in spatio publico dicto ta Nadur secus / domos ibi existentes construi mandamus.*

17 F. 10: *la parte destra resti per la Cala*; ... *la parte destra sij della Cala*; f. 11: *comprendendosi in q[ue]sto ristretto la sud[dett] a contrada tal Qala con sue pertinenze, cioè Nadur, Comino, e Ramla.*


## Nifirħu lil...

- Iż-żgħażagħ **Samuel Aquilina** u **Ġorġ Pisani**, li wara li temmew b'suċċess il-mixja propedewtika tagħhom, minn Settembru 2018 bdew l-ewwel sena ta' formazzjoni tagħhom fis-Seminarju Djoċesan.





- **Dr John Galea**, li fl-4 ta' Diċembru tħabbret il-ħatra tiegħu bħala Surmast Direttur tal-Banda Ċittadina La Stella u l-opra fit-Teatru Astra. Dr Galea, kompożitur u personalità magħrufa fix-xena mużikali lokali, studja fl-Universitajiet ta' Durham, Pavia u Malta taħt il-gwida ta' mużiċisti ċelebri, fosthom Charles Camilleri, John Gardner, Fabrizio della Seta, Lior Shambadal u Franco Donatoni, minn fejn kiseb żewġ dottorati. Il-kompożizzjonijiet tiegħu kienu esegwiti f'Malta, il-Greċja, Franza, l-Italja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Ġermanja u rreġistrati fuq numru ta' CDs. Hu kien mistieden jidderieġi numru ta' orkestri f'Malta, il-Bulgarija u l-Ġermanja. Kien ukoll fuq numru ta' bordijiet li assenjaw premijiet marbuta ma' kompetizzjonijiet mużikali prestiġjużi. Dr Galea ilu wkoll għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika King's Own tal-Belt Valletta. Fuq livell akkademiku, Galea hu lekċerer fl-Università ta' Malta, fejn għal tmien snin serva wkoll bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Mużika u l-iSchool of Performing Arts. Dr John Galea hu wkoll id-Direttur mużikali tal-Chorus Urbanus, imwaqqaf fil-Parroċċa tagħna fl-1975.

- **Mons. Dr Ġużeppi Farrugia**, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ bejn l-1998 u l-2007 u Kuratur tal-Mużew tal-Bażilika Il-Ħaġar, illi fit-13 ta' Diċembru ġie onorat bħala membru tal-Ordni tal-Mertu ta' Ġieħ ir-Repubblika, mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta.



## Insellmu lil...

- **Is-Sur Joseph G. Grech** (1940-2018), Fundatur tal-Victoria Scout Group, Eks Chief Commissioner tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Iscouts, Group Scout Leader, Kap Eżekuttiv u President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, u President tal-INSULEUR, li miet fis-6 ta' Settembru, fl-età ta' 78 sena. Il-Funeral tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru, tmexxa mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Settembru – Diċembru 2018

*Andrew Formosa*

**» 6 ta' Settembru**
**06.00pm:** Fil-quddiesa l-komunità parrokkjali raddet ħajr lil Alla għas-sittin anniversarju mill-għoti tat-titlu ta' Bażilika lill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

**» 17-20 ta' Settembru**
**06.00pm:** Ġie organizzat kors ta' l-Ewwel Għajnuna, immexxi minn Etienne Micallef, għal persuni involuti f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fil-parroċċa.

**» 21 ta' Settembru**
**09.00am:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-263 Anniversarju mid-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ.



**» 25 ta' Settembru**
**06.00pm:** L-E.T. Mons. George Bugeja OFM, Vigarju Appostoliku ta' Tripli u Amministratur Appostoliku ta' Benghazi, mexxa Konċelebrazzjoni f'għeluq l-ewwel anniversarju mill-mewt ta' Mons. George Grima. Wara, intwera filmat ċkejken b'bijografija ta' Dun George u l-Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu.

**» 26-28 ta' Settembru**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat it-Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali ta' San Mikiel.

**» 29 ta Settembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Joseph Curmi mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Festa parrokkjali ta' San Mikiel.

**» 4 ta' Ottubru**
**05.30pm:** Fis-Sala Parrokkjali, l-Arċipriet mexxa l-ewwel laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li matul is-sena pastorali l-ġdida ħa jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, fejn ġew ippreżentati l-katekisti u l-klassijiet għal din is-sena.

**» 5 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Sar il-ftuħ tas-sena ta' formazzjoni għall-Gruppi 23four tal-adoloxxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa. Minn din is-sena pastorali, żdied għadd sabiħ ta' animaturi fit-tmexxija tal-gruppi. Sa minn wara s-sajf, qabdu b'ritmu mgħaġġel ix-xogħlijiet fuq it-23four hub bl-għan li jiġi inawgurat għal żmien il-Milied.

**» 6 ta' Ottubru**
**07.00pm:** Saret l-ewwel darba quddiesa għat-tfal Għawdxin bl-awtiżmu flimkien mal-ġenituri tagħhom, fis-Sala Parrokkjali. F'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Kateketiku Djoċesan, din bdiet issir kull xahar u titmexxa minn Dun Joseph Bajada.

**» 7 ta' Ottubru**
**10.00am:** L-Arċipriet mexxa quddiesa li fiha ta l-Mandat tal-Knisja lill-katekisti u l-animaturi tal-gruppi. Din kienet ukoll l-ewwel Quddiesa tal-Familji u t-Tfal għas-sena pastorali l-ġdida.

**» 9 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp tal-Adolexxenti tal-Forms 5 u 6. Il-laqgħat għal din il-kategorija komplew isiru kull nhar ta' Tlieta fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 10-12 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat t-Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima.

**» 10 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Gruppi tal-Adolexxenti tal-Forms 3 u 4. Il-laqgħat għal din il-kategorija komplew isiru kull nhar ta' Erbgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 11 ta' Ottubru**
**05.30pm:** Bdew il-laqgħat ta' katekeżi ta' kull nhar ta' Ħamis għat-tfal u l-adolexxenti li huma kandidati għas-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni.
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa ta' formazzjoni fuq il-Kelma ta' Alla indirizzata għal kulħadd, u mmexxija minn Patri Peter Paul Cachia OSA. Dawn il-laqgħat ta' Lectio Divina fuq il-Vanġelu ta' San Mark bdew isiru kull nhar ta' Ħamis fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 12 ta' Ottubru**
**08.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għal-Grupp taż-Żgħażagħ 18+. Il-laqgħat komplew isiru kull nhar ta' Ġimgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 13 ta' Ottubru**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Quddiesa tal-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima. Wara, saret purċissjoni qasira *aux flambeaux* bl-istatwa tal-Madonna fit-toroq ta' madwar il-Bażilika.
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp tal-Adolexxenti tal-Form 2. Il-laqgħat komplew isiru kull nhar ta' Sibt fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 20 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp tal-Familji, immexxija minn Dun Richard N. Farrugia. Il-laqgħat komplew isiru kull xahar fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 21 ta' Ottubru**
**09.45am:** Bdiet fil-parroċċa l-Mixja ta' Formazzjoni bi Tħejjija għaż-Żwieġ. Il-laqgħat komplew isiru, Ħadd iva u Ħadd le, fiċ-Ċentru Parrokkjali, immexxija mill-Arċipriet bl-għajnuna tal-koppji animaturi.

**» 24 ta' Ottubru**
**12.30pm:** Bħala parti minn Festival Mediterranea, ittella' fil-Bażilika kunċert mill-Oxford Girls' Choir, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Richard Vendome.



**» 4 ta' Novembru**
**12.30pm:** Fl-okkażjoni tal-tieni anniversarju mill-ħatra tal-Arċipriet Mons. Joseph Curmi u b'*fundraising* għall-proġetti tal-parroċċa, sar Pranzu fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 6 ta' Novembru**
Saret ħarġa għal Malta għall-anzjani tal-parroċċa.
**» 7 ta' Novembru**
**12.30pm:** Saret ikla għall-kleru tal-parroċċa f'ristorant Marsalforn.



**» 8 ta' Novembru**
**Filgħodu:** Beda jintrama l-i*scaffolding* fuq il-presbiterju biex ikun ta' sapport għall-armar tat-travi li ser jitpoġġew madwar il-koppla. Dan baqa' armat sas-Sibt 10 ta' Novembru waranofsinhar, sakemm l-ewwel erba' travi tpoġġew f'posthom madwar iċ-ċirkonferenza tal-koppla. Il-bqija tat-travi tqiegħdu l-ġimgħa ta' wara. Hekk kif tlesta l-armar tat-travi u tgħatta l-wiċċ kollu tal-koppla, beda jintrama l-i*scaffolding* ta' madwar il-koppla biex ir-restawraturi jkunu jistgħu jibdew ix-xogħol tar-restawr tagħha minn ġewwa.
**05.30pm:** Saret laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof mill-psikologu Dun Joseph Farrugia, bit-tema "Il-Protezzjoni tal-Minuri: X'għandi nkun naf?", fis-Sala Parrokkjali. Fl-istess ħin, il-kandidati tal-Griżma kellhom żjara fil-Seminarju Maġġuri fejn ġew milqugħa mis-seminaristi li kellmuhom dwar il-formazzjoni tagħhom.
**» 9 ta' Novembru**
**6.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal fis-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Katidral tal-Lateran.
**» 25 ta' Novembru:** L-abbatini tal-parroċċa ħadu sehem f'attività sportiva flimkien mal-abbatini tal-Parroċċi ta' Ta' Sannat, ix-Xagħra, ix-Xewkija u Ta' Kerċem.
**» 29 ta' Novembru**
**07.20pm:** Bdiet issir il-Lectio Divina fil-Ġimgħat tal-Avvent, immexxija minn Dun Joseph Mercieca, fil-Bażilika.
**07.45pm:** Mons. Isqof mexxa Servizz Ekumeniku fil-Bażilika fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju minn tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija (1918-2018). Ħadu sehem ukoll rappreżentanti ta' Knejjes Insara oħra, kif ukoll il-komunità Ingliża f'Għawdex.
**» 1-2 ta' Diċembru**
Il-Grupp 23four organizza t-tieni edizzjoni ta' *Christmas Loading* fi Pjazza San Ġorġ, attività għall-bidu tal-Avvent bi ġbir ta' fondi b'risq il-ħidma pastorali. Inġabret is-somma ta' €3,550. Is-Sibt filgħaxija, fil-11.00pm, saret quddiesa tal-ftuħ tal-Avvent għad-dawl tax-xemgħa fil-Bażilika. Fl-aħħar tagħha l-Arċipriet xegħel is-Siġra tal-Karità fuq l-Altar ta' San Mikiel, fejn il-parruċċani matul l-Avvent setgħu jagħżlu x'oġġetti joffru b'għajnuna ta' karità lil Dar Arka, il-Crèche tal-Ursolini, il-Jesuit Refugee Service, u l-Missjoni fil-Gwatemala.
**» 6 ta' Diċembru**
**05.30pm:** Bi tħejjija għas-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni, it-tfal tal-Ewwel Tqarbina u tal-Konfirmazzjoni flimkien mal-ġenituri tagħhom kellhom ċelebrazzjoni kateketika fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, li ntemmet bit-talba tar-Rużarju mqaddes.
**» 9 ta' Diċembru**
**08.00pm:** Il-Kor tat-Tfal tat-Teatru Astra Piccole Stelle tella' Kunċert tal-Milied, *Carolling Christmas*, taħt id-direzzjoni ta' Sylvana Cini, fil-Bażilika.
**» 15-23 Diċembru**
**06.00pm:** Inżammet in-Novena tal-Milied fil-Bażilika, li fl-okkażjoni tas-Sena Djoċesana Marjana, kellha t-tema *Nimxu ma' Marija*, u tmexxiet mill-Arċipriet. Din kienet tinkludi fi tmiemha l-kant tal-Alma u l-Barka Ewkaristika. Tqassmu wkoll lit-tfal kollha stampi ħelwin mill-ħajja tal-Madonna.
**» 16 ta' Diċembru**
**08.00pm:** Il-Chorus Urbanus żamm il-wieħed u għoxrin edizzjoni tal-Kunċert tal-Milied, taħt id-direzzjoni ta' Dr John Galea, u bis-sehem tal-Urbanus Festive Orchestra. Fis-26 ta' Ottubru, dan il-kor tilef waħda mill-aktar membri attivi tiegħu, Frances Grima, li kienet ukoll benefattriċi kbira tal-Bażilika.
**» 20 ta' Diċembru**
**06.00pm:** Saret purċissjoni bil-Bambin mit-tfal tal-Iskola Primarja tar-Rabat (Kulleġġ ta' Għawdex), li bdiet mill-Katidral u spiċċat fil-Bażilika, fejn l-istudenti rċevew messaġġ u barka mill-E.T. Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja.
**» 22 ta' Diċembru**
**06.00pm:** Fil-quddiesa tan-Novena saret il-vestizzjoni ta' ħames abbatini: Joseph Attard, Eman George Camilleri, Adam Galea, Jurgen Bugeja u Fulvio Valenti. Fl-aħħar tan-Novena ttellgħet rappreżentazzjoni drammatika li ġabret fiha t-tema kollha tan-Novena ta' din is-sena.
**» 23 ta' Diċembru**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar quddiesa tan-Novena li fi tmiemha fetaħ u bierek uffiċjalment it-23four hub.
**» 24 ta' Diċembru**
**04.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Ewwel Għasar tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.
**11.30pm:** L-Arċisqof Mons. Alfred Xuereb mexxa l-Liturġija Solenni tal-Lejl tal-Milied, li bdiet bl-Uffiċċju tal-Qari u l-Prietka tradizzjonali tat-Tfajjel minn George Abela, abbati tal-Bażilika. Wara, kompliet il-Konċelebrazzjoni solenni ta' Nofsillejl. Wara li ntemmet iċ-ċelebrazzjoni fil-Bażilika, inżamm festin fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 25 ta' Diċembru**
**09.00am:** Numru ta' abbatini tal-parroċċa flimkien ma' diversi voluntiera qassmu ħlewwiet lil persuni li jgħixu waħidhom f'darhom, flimkien ma' invit għal ikla fiċ-Ċentru Parrokkjali il-Ħadd 28 ta' Diċembru.
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.
**» 27 ta' Diċembru**
**Filgħodu:** Saret mawra Malta għall-Gruppi tal-Adolexxenti tal-Forms 3-5 fejn qassmu r-rigali miġbura tul in-Novena lill-Jesuit Refugee Services.
**06.00pm:** Mons. Isqof mexxa Pontifikal, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità Lateranensi ta' San Ġwann Appostlu u Evanġelista.
**» 28 ta' Diċembru**
**Filgħodu:** Saret mawra Malta għall-Grupp tal-Adolexxenti tal-Form 2.
**» 30 ta' Diċembru**
**12.30pm:** Saret ikla għall-persuni anzjani u dawk li jgħixu waħidhom fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 31 ta' Diċembru**
**05.00pm:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Aħħar tas-Sena, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li ntemm bil-kant tat-Te Deum b'radd il-ħajr fi tmiem is-sena.
**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa adorazzjoni fil-Bażilika f'għeluq is-sena 2018.

# Ftuħ tat-23four hub








## EŻERĊIZZI TAR-RANDAN 2019

**MIŻŻEWĠIN**
11-15 ta' Marzu, 7.30pm
Dun Noel Debono

**KULĦADD**
18-22 ta' Marzu, 4.15pm
Mons. Carmelo Mercieca

**TFAL**
25-28 ta' Marzu, 4.15pm
Dun Samuel Grech